# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 853

Novembru 2003



## Kappillan Għawdxi f'Ruma

GOZO CATHEDRAL
PUBLIC LIBRARY

(Classification)

Acquisition No. Date

This book has been donated by:

# GĦONJA FIS-SERVIZZ TA' MĦABBA



**Caritas Għawdex**

# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Kappillan Għawdxi f'Ruma • 12
Esperjenzi ta' Żgħażagħ Għawdxin fis-sajf 2003 • 16
Versi Riflessivi • 19
Kelmet Madre Tereża... Il-Qaddisa ta' Żmienna • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Il-Bollo fuq il-Ħobż • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (21) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (20) • 26
Wirt Għiritna –
Il-Mużew ta' Karmni Grima fl-Għarb • 30
Xhieda Nisranija : Dun Karm Cachia • 32
Għawdxin li għadna niftakru (9) -
Ċikku ta' l-Erwieħ • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42

IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 853***
***Novembru 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'Ottubru 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Mons. Ġużepp Attard, Kappillan Għawdxi f'Ruma (ara l-Intervista, pp. 12-15)**

EDITORJAL

# Il-Kontribut Fundamentali tal-Kristjaneżmu fl-Ewropa, miċħud?

*In-nuqqas ta' referenza espliċita għall-patrimonju u l-kontribut fundamentali tal-Kristjaneżmu fin-nisġa ta' l-istorja ta' l-Ewropa, fil-preambolu tal-Kostituzzjoni Ewropea, qanqal f'dawn l-aħħar sitt xhur diversi reazzjonijiet notevoli fil-kamp tal-politika internazzjonali.*

*Xi wħud raw dan in-nuqqas bħala serqa fid-dawl tax-xemx għal dak li hu bi dritt u b'ġustizzja, sempliċiment u unikament, kontribut ewlieni tal-Kristjaneżmu fil-binja u l-formazzjoni ta' l-Ewropa kif nafuha llum. Il-preambolu msemmi, wara li jagħmel referenzi għaċ-ċiviltajiet Griegi u Rumani, jaqbeż dritt għall-kurrenti filosofiċi ta' l-Illuminiżmu. Bħala valuri umani, jidentifika l-ekwalità tal-persuni, il-libertà u r-rispett tar-raġuni – lingwaġġ li jsemmgħalna tidwi mill-ġdid l-għajta tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Iżda meta wieħed ifittex is-sehem tal-Kristjaneżmu, f'dan il-preambolu, jibqa' b'xiber imnieħer.*

*Xi Parlamentari Ewropej, flimkien ma' Parlamentari Nazzjonali ta' l-Istati membri u tal-Pajjiżi kandidati u xi rappreżentanti oħra, li ltaqgħu fit-3 ta' April 2003 għal ġurnata ta' studju bit-titlu "Dieu et l'Europe" fi Brussel il-Belġju, kienu ħarġu fost l-oħrajn b'dawn il-proposti bħala konklużjoni ta' din il-ġurnata ta' studju, biex jiġu rikonoxxuti fil-preambolu tal-Kostituzzjoni Ewropea : (1) l-influenza tal-Kristjaneżmu f'dak li għandu x'jaqsam ma' valuri bħal ma huma il-libertà u r-responsabilità, ir-rispett għad-dinjità umana u għad-drittijiet fundamentali tas-sussidjarjetà u tas-solidarjetà, (2) l-espressjoni u t-timbru tal-patrimonju reliġjuż f'setturi varji tas-soċjetà, bħal ma huma dawk ġuridiċi, artistiċi, letterarji, filosofiċi u anke politiċi.*

*U hawn ta' min jistaqsi l-għaliex dan is-sehem sieket imma tant essenzjali ġie miċħud? Ħafna nsew kemm il-Knisja kienet pijuniera f'diversi oqsma b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-karità, fil-ħidma ma taqta xejn tagħha favur il-foqra, il-batuti, il-morda u l-imwarrba minn kulħadd. U dan biex ma nsemmux il-ħidma ewlenija tagħha favur l-edukazzjoni u l-ġustizzja soċjali, aktar qrib lejna.*

*Christopher Dawson, storiku famuż, jispjega: "ċivilizazzjoni li ma ssib l-ebda post għar-reliġjon, toffri kultura zoppa li tilfet l-għeruq spiritwali tagħha u hija kkundannata għal sterilità u dekadenza".*

*Nagħlaq bil-kumment tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tas-17-il Laqgħa Internazzjonali ta' Talb għall-Paċi, li saret fil-bidu t'Ottubru ta' din is-sena: "L-Ewropa hija msejħa biex tfittex mill-ġdid l-enerġija, billi tirkupra l-konoxxenza ta' l-għeruq l-aktar profondi tagħha, reliġjużi u kulturali".*




### *Laqgħa ma' grupp ta' Studenti Universitarji fix-Xewkija*

Il-Ħamis 25 ta' Settembru, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi iltaqa' ma' grupp ta' studenti universitarji fil-knisja tax-Xewkija. F'din il-laqgħa l-Isqof tkellem dwar il-valuri morali li kull bniedem jeħtieġ li jgħożż. Hu kompla jgħid li kull nisrani jeħtieġ li jkun persważ minnhom u jagħmel ħiltu biex iwettaqhom fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Fost l-oħrajn issemmew ukoll id-diffikultajiet li l-istudenti universitarji Għawdxin jiltaqgħu magħhom meta jmorru jistudjaw Malta. Dwar dan l-Isqof saħaq dwar il-ħtieġa li huma jkunu għaqlin biżżejjed biex jagħżlu bejn dak li hu tajjeb u dak li hu negattiv, biex jaċċettaw dak li jista' jgħinhom biex isaħħu il-karattru tagħhom ta' żgħażagħ insara, u jżommu 'l bogħod minn dak li jista' jkun ta' tfixkil.

### *Laqgħa mal-Grupp tal-Kariżmatiċi f'Ta' Pinu*

B'inizjattiva tal-Kappillan tal-Fontana il-Kan. Ġorġ Bezzina, il-Kariżmatiċi Għawdxin u xi mistednin minn Malta qattgħu xi jiem flimkien fil-kumpless tas-Santwarju Ta' Pinu. It-tema kienet '*Ad Iesum per Mariam*' (Immorru għand Ġesù permezz ta' Marija). L-Isqof Cauchi ħa sehem f'parti minn din il-laqgħa u kellem lil dawk preżenti dwar il-ħtieġa li naċċettaw ir-rieda t'Alla f'ħajjitna, u anké f'din il-ħaġa nieħdu bħala mudell tagħna lill-Imqaddsa Verġni Marija.

### *Il-Ftuħ tas-Sena Skolastika fis-Seminarju t'Għawdex*

Fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena skolastika tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, is-Sibt 27 ta' Settembru filgħodu saret konċelebrazzjoni għas-seminaristi mmexxija minn Mons. Isqof li fiha ħadu sehem is-superjuri u l-*lecturers*. Din saret fil-kappella tas-Seminarju. Fl-omelija l-Isqof tkellem dwar l-edukazzjoni tal-karattru u l-qalb meħtieġa għas-saċerdoti ta' għada. Wara l-konċelebrazzjoni saret laqgħa ta' l-istaff tas-Seminarju li fiha tkellmu fost l-oħrajn l-Isqof, ir-Rettur u xi wħud mill-*lecturers*.

### *Laqgħa tas-Saċerdoti taż-Żona B f'Manresa*

Is-Sibt 27 ta' Settembru, fid-Dar Manresa, saret laqgħa għas-saċerdoti taż-Żona B. Din iż-Żona tinkludi il-parroċċi ta' l-Għarb, San Lawrenz, Kerċem, Għasri u Żebbuġ. Il-kelliem ewlieni kien Patri Marċello Ghirlando. L-Isqof ikkonkluda il-laqgħa billi fakkar lis-saċerdoti f'xi dmirijiet tagħhom kif huma mfissrin fit- Tieni Sinodu t'Għawdex tal-1993.

### *Laqgħa mal-Irġiel fl-Okkażjoni tal-Festa ta' San Mikiel*

Bħal kull sena għall-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ltaqa ma' l-irġiel tad-djoċesi t'Għawdex. Il-quddiesa konċelebrata saret fis-Santwarju Ta' Pinu, is-Sibt 27 ta' Settembru. Fl-omelija Mons. Isqof għamel riflessjoni fuq l-Evanġelju tal-Ħadd u fisser il-kliem 'Jekk idek hi ta'okkażjoni tad-dnub, aqtagħha barra. . .', fejn fost l-oħrajn qal li jekk hemm xi ħaġa għażiża għalina daqskemm huma għeżież għajnejna, irridu niddistakkaw ruħna minnhom għax is-salvazzjoni tar-ruħ hi aktar importanti. Mons. Isqof kompla jitkellem dwar l-iskandli, fejn semma li hu gwaj għad-dinja minħabba l-iskandli li qed jingħataw.



### *Għeluq tas-Sena tar-Rużarju fix-Xagħra*

Bħala konklużjoni tas-Sena tar-Rużarju u fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena tal-miġja ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fix-Xagħra, Mons. Isqof ippresieda konċelebrazzjoni fil-Bażilika Santwarju ta' l-istess Parroċċa. Fl-omelija hu ta' ħjiel tal-Misteri tar-Rużarju u fosthom anké l-ħames Misteri tad-Dawl li ġew introdotti sena ilu mill-Q. T. Ġwanni Pawlu II.

### *Ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika*

Fiċ-Ċentru tal-Azzjoni Kattolika tar-Rabat, nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru sar il-ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-istess Azzjoni Kattolika. Għal dan il-ftuħ attendew id-dirigenti u xi wħud mill-membri tal-Azzjoni Kattolika tad-Djoċesi ta' Għawdex. Attendew ukoll xi

mistednin li ġew minn Malta. L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem xi assistenti ekkleżjastiċi. Fl-omelija l-Isqof tkellem u fisser il-kelmiet ta' Kristu fl-Evanġelju tal-Ħadd: "Min jagħtikom tazza ilma għax intom ta' Kristu, nghidilkom is-sewwa ma jitlifx il-ħlas tiegħu" (Mk 9:41). Hu nsista li l-membri tal-Azzjoni Kattolika wisq iktar minn insara oħra għandhom jieħdu bħala programm ta' ħajjithom l-erbatax -il għemil ta' ħniena li huma bbażati fuq l-Evanġelju. Wara l-konċelebrazzjoni komplew għaddejjin xi attivitajiet oħra ta' l-okkażjoni.

### *"Jum l-Anzjani" f'ċelebrazzjoni f' Ta' Pinu*

'Jum l-Anzjani' ġie ċċelebrat f'Għawdex waqt quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi fl-1 ta'Ottubru. Fl-omelija Mons. Isqof stieden lill-anzjani biex iroddu ħajr lil Alla għar-rigal tal-ħajja u biex fis-snin li ġejjin, fejn jistgħu u kif jistgħu jagħmlu dejjem il-ġid. Hu tkellem ukoll dwar il-fatt li ma jistax jonqos li l-anzjani iħarsu lejn l-imgħoddi u jitolbu għal min uriehom l-imħabba, jaħfru lil min għamlilhon il-ħsara, u jpattulhom deni bil-ġid. Hu temm billi qal li b'dan il-mod dawn l-anzjani ikun jistħoqqilhom il-premju għax ikunu mxew fuq l-eżempju ta' Kristu.

### *Laqgħa tas-Superjuri tar-Reliġjużi*

Il-Ħamis 2 t'Ottubru saret laqgħa għas-superjuri tar-reliġjużi, patrijiet u sorijiet. Fil-bidu tal-laqgħa l-Isqof kellem lil dawk preżenti u ħeġġiġhom biex jieħdu sehem attiv fil-preparazzjoni u fit-twettiq tas-Seba' Kungress Pastorali djoċesan u wera x-xewqa tiegħu li huma jitolbu ukoll għas-suċċess ta' dan il-kungress kif hemm miktub f'waħda mill-aħħar ċirkulari. Wara imbagħad ippresieda l-laqgħa Mons. Salv Debrincat, delegat djoċesan għar-reliġjużi.

### *Quddiesa għall-Istudenti tal-Konsevatorju*

Fl-okkażjoni tal-ewwel ġimgħa tax-xahar, 3 ta'Ottubru, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ikkonċelebra quddiesa fil-kappella tal-Konservatorju li għaliha attendew l-għalliema, l-istudenti tal-primarja u sekondarja li jitgħallmu hemmhekk. Fl-omelija, l-Isqof tkellem dwar id-dmirijiet li għandhom l-istudenti biex meta jikbru jkunu ċittadini tajbin u membri tal-Knisja kif imiss u kif tridhom l-istess Knisja.

### *Korteo f'Ta' Pinu f'għeluq is-"Sena tar-Rużarju"*

F'għeluq is-Sena tar-Rużarju nhar l-4 ta'Ottubru, ġie organiżżat korteo li telaq minn ħdejn is-siġra Ta' Pinu għall-Bażilika Santwarju Ta' Pinu. Għalih kienu mistiedna n-nies kollha tad-djoċesi ta' Għawdex, biex flimkien, poplu wieħed, qalb waħda jfaħħar lil Marija.

### *Laqgħa għaż-Żelatriċi tal-Missjoni*

Il-Ħadd 5 ta'Ottubru, saret laqgħa għaż-Żelatriċi tal-Missjoni bi preparazzjoni għall-Ġurnata Missjunarja. Fil-bidu tkellem l-Isqof li insista dwar il-ħtieġa li ħafna iktar nies jinkitbu fl-Opri Missjunarji Pontifiċji u li mbagħad iwettqu dmirijiethom bħala membri ta' l-opra li jkunu fiha. Wara, indirizza l-laqgħa Mons. Anton Saliba, direttur djoċesan għall-ħidma missjunarja f'Għawdex.




### *Laqgħa għall-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin*

It-Tnejn 6 ta'Ottubru, fis-sala tal-Azzjoni Kattolika saret laqgħa lill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Fiha tkellem Mons. Isqof u insista li għandhom jiġu osservati d-direttivi li kienu ġew mogħtija għall-Ministri Straordinarji, fosthom il-qima li għandha tingħata lill-Ostja Kkonsagrata. F'din il-laqgħa tkellem ukoll Mons. Girgor Grech, delegat djoċesan tal-Uffiċċju Liturġiku.

### *Żjara f'Għawdex tal-Isqof tal-Eritrea*

L-Arċisqof Berhané Jesus Demerew Souraphil C.M. ta' Addes-Abeba fl-Etijopja ġie għal żjara fid-djoċesi ta' Għawdex fejn fost l-oħrajn żar xi parroċċi. Hu ltaqa' ma' Mons. Isqof Cauchi u żar ukoll il-benefatturi tal-Missjoni tiegħu. Kien akkompanjat minn Mons. Ġorġ Grima u xi membri tal-Moviment Ġesù fil-Proxxmu. Ta' min isemmi li dan il-Moviment ilu jaħdem għall-missjoni għal ħafna snin. Tul dawn is-snin bil-għajnuna ta' Alla u t-tbabrik tiegħu saru diversi għajnuniet lil diversi pajjiżi li huma fil-bżonn, u dan kollu bil-kontribut tal-poplu.






# X'ġara dan l-aħħar



**Lelio Spiteri**

## *"Memoirs" - CD ġdid mill-Qala*




Fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, il-Kor *Magnificat* tal-Qala nieda CD b'dan l-isem fl-okkażjoni ta' l-10 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Dan il-kor huwa ffurmat minn madwar ħamsin membru fosthom tfal, studenti u żgħażagħ kollha voluntiera. L-album fih sittax-il silta marbuta mal-liturġija, mal-*musicals* u ma' okkażjonijiet varji fosthom meta l-Kor kanta mal-banda tal-Qala *Ite ad Joseph*.

## *Kunċert minn Kor Olandiż f'Għajnsielem*

Il-kor Mannenkoor R.M.K. kien fostna mill-Olanda u ta kunċert ta' mużika sagra t-Tlieta 7 ta' Ottubru fil-knisja tal-Madonna ta' Loreto ġewwa Għajnsielem. Il-kor kien iffurmat minn mija u tletin membru u ngħab Għawdex mill-Ministeru għal Għawdex, bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem u l-Banda San Ġużepp ta' l-istess lokalità, li din is-sena qed tfakkar il-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Is-Sindku ta' Brunssum akkumpanja l-kor waqt din iż-żjara.





## *Idylls of Gozo*

Wirja b'dan l-isem kienet inawgurata fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex, is-Sibt 4 ta' Ottubru. Ix-xogħlijiet esebiti kienu ta' l-artist Christopher Saliba. Ta' min jgħid li din il-wirja kienet ittellgħet ukoll f'Londra fil-knisja ta' St. Columbia f'Settembru. Il-wirja baqgħet miftuħa sad-19 ta' Ottubru.

## *Riċetti fi Ktieb minn Residenti Ingliżi*



*A Pomskizillious Recipe Book* huwa l-isem tal-ktieb li ġie muri lill-pubbliku għall-ewwel darba nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru. Dan kien miktub minn Susan Lowe, li hija ingliża residenti f'Għawdex u kien ispirat mill-kitbiet ta' Edward Lear. F'dan il-ktieb qed tiġi ppublikata għall-ewwel darba poeżija dwar Għawdex. Lear innifsu kien affaxxinat bil-ġmiel u s-seher tal-gżira tat-tliet għoljiet u kien iddeskriva lil Għawdex bħala *pomskizillious,* appuntu kelma li tinsab fit-titlu. Dan il-ktieb kien ippublikat fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Mużew tal-Ġugarelli fix-Xagħra.



## *Żjara Statali*

Il-President ta' l-Estonja kompla bi żjara tiegħu f'Malta billi żar lill-gżira tagħna nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru. Huwa kien akkumpanjat mill-ambaxxatur Mark Miceli Farrugia fost l-oħrajn. Il-President Ruutel żar it-tempji preistoriċi tal-Ġgantija, kif ukoll liċ-Ċittadella fejn anke żar il-Katidral ta' Għawdex u l-Mużew tal-Folklor.

## *Titjib fil-Ground*



Din is-sena l-*Gozo Football Association* għamlet investiment qawwi ta' eluf ta' liri fuq il-pitch tal-*Gozo Stadium*. Saret sistema ta' drejnijiet ġodda sabiex jiffiltra l-ilma bl-aktar mod mgħaġġel possibli. B'kollox saru madwar tnejn u erbgħin *drain* fil-*pitch* kollu. Ix-xogħol sar bil-ħidma tal-ħaddiema tal-*Gozo Stadium,* bil-kooperazzjoni sħiħa tal-Ministeru għal Għawdex u s-settur tal-Proġetti u l-Iżvilupp. Minbarra din il-ħidma, l-assoċjazzjoni beħsiebha taħdem sabiex isir tibdil strutturali fil-bankijiet tar-*reserves*, il-*VIP area* u d-*dressing rooms*. Ix-xogħol li sar kien taħt is-superviżjoni tal-President u s-Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni Joe Cordina u Alvin Grech rispettivament.

## Għawdex fost il-Finalisti tax-Xandir għall-Aqwa Programmi Edukattivi

L-Awtorità tax-Xandir il-Ħamis 9 ta' Ottubru ħabbret il-lista tal-finalisti li ser jikkompetu għall-premjijiet mogħtija mill-istess awtorità s-Sibt 15 ta' Novembru. Jekk inħarsu lejn it-taqsima tat-televixin naraw li fil-kategrija "Dokumentarji" daħal għall-final Alvin Scicluna bil-programm "Mirja Mistura" filwaqt li Alvin Scicluna u Marion Zammit qed jikkompetu fil-kategorija Programmi tat-Tfal bi "Żmeraldi". Rigward radju, għal darba oħra Radju Lehen il-Qala qed jikkompeti fil-programmi edukattivi permezz ta' L-"Edukazzjoni ta' Uliedna" ta' Lelio Spiteri, u fl-istess kategorija nsibu l-programm "Keyboard" li kien jittella' mil-*Lumen Christi Media Centre* fuq l-RTK, produzzjoni ta' Lelio Spiteri u Domnic Cutajar.

## Nadur - Baveno, Ġemellaġġ ieħor!



Grupp ta' ħamsa u sebgħin resident Naduri matul Ottubru kienu l-mistiedna tal-*Comune* tal-belt ta' Baveno fil-Provinċja ta' Verbania fuq Lago Maggiore fl-Italja. Matul din iż-żjara, saret iċ-ċerimonja tal-ġemelaġġ fejn kien iffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali tan-Nadur u l-Comune ta' Baveno. Il-ftehim ġie ffirmat mis-Sindku tan-Nadur Dr. Chris Said u dak ta' Baveno Dr. Paolo Marchioni. Dan huwa t-tieni ġemellaġġ li n-Nadur qed jagħmel, wara li tliet snin ilu sar il-ġemellaġġ ma' Cicciano. Dan it-tieni ftehim sar wara s-suċċess mill-ewwel ġemellaġġ. Iċ-ċerimonja ta' ġemellaġġ fin-Nadur ser issir fil-bidu ta' April 2004.



## Sannat - Ċentinarju ta' Santa Margerita

Il-Kumitat tal-Festi Ċentinarji ta' Sannat Għawdex qed iħabbar li fetaħ uffiċjalment il-festi ċentinarji sabiex jiċċelebra l-1700 sena mill-martirju ta' Santa Margerita, il-qaddisa patruna ta' dan ir-raħal, liema festi bdew nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru 2003 b'quddiesa solenni fis-sebgħa ta' filgħaxija, fil-knisja parrokjali ta' Sannat, immexxija mil-E.T. Nikol Cauchi Isqof ta' Għawdex, u wara sar marċ mill-Banda Santa Margerita fil-pjazza tal-knisja. Dawn il-festi għandhom jilħqu il-qofol tagħhom nhar il-25 ta' Lulju 2004, meta ssir il-festa tar-raħal.

Dan il-kumitat immexxi mill-Arċipriet Dun Tarcisio Camilleri qed jistieden lil kulħadd biex jattendi għal dawn il-festi, speċjalment lil dawk li għandhom xi rabta familjari mar-raħal ta' Sannat u lil dawk li jisimhom għall-qaddisa Margerita.






### Wiċċ ġdid tal-Kulleġġ tal-Kardinali

Wara l-konċistorju tal-21 ta' Ottubru 2003, il-Kulleġġ tal-Kardinali jkun fih 135 membru li jkunu eliġibbli li jivvotaw għall-Papa. Kmieni s-sena d-dieħla, 12-il kardinal jagħlqu 80 sena u hekk ma jkunux jistgħu jivvotaw f'konklavi. Il-135 kardinal li jsiru eletturi sa mit-22 ta' Ottubru, ġejjin minn 59 pajjiż differenti. It-tqassim ġeografiku tagħhom jaqbel bejn wieħed u ieħor ma' dak tal-popolazzjoni kattolika tad-dinja: 49% huma Ewropej; 18% mill-Amerika Latina; ftit aktar minn 10% mill-Amerika ta' Fuq; ftit anqas minn 10% mill-Asja u l-istess mill-Afrika; u l-bqija, 4%, huma mill-Oċeanja, li tinkludi l-Awstralja. L-Italja tibqa' l-pajjiż bl-akbar rappreżentazzjoni: bi 23 kardinal elettur.

### 60,000 jimmarċaw bħala sapport lill-Kardinal Sandoval

Aktar minn 60,000 Kattoliċi immarċjaw biex jissapportjaw lill-Kardinal Juan Sandoval Iñiguez ta' Guadalajara, Messiku, taħt investigazzjoni mill-uffiċċju ta' l-avukat ġenerali tal-Messiku. Il-marċ intemm fil-Katidral. Tul il-quddiesa, l-arċisqof qal li mhux ser jieqaf jissielet għall-verità u l-ġustizzja. Bil-marċ, il-lajċi kattoliċi riedu juru li mhux se jieqfu jitolbu għall-verità sakemm ikun għal kollox ċar id-delitt tal-qtil tal-Kardinal Juan Jesús Posadas Ocampo, li nqatel fl-1993.

"Aħna nemmnu li din l-akkuża assurda kontra r-ragħaj tagħna hi biss 'manuvra' biex tneħħi l-attenzjoni mill-insistenza kuraġġjuża tal-Kardinal Sandoval biex ikun jaf il-verità dwar id-delitt kontra l-predeċessur tiegħu", qalu l-organizzaturi.

Il-Kardinal Sandoval u oħrajn investigati dwar ħasil ta' flus ippreżentaw l-ilment tagħhom lill-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet Umani tal-Ġnus Magħquda.

### L-Arċisqof ta' Canterbury jżur lill-Papa

Għall-bidu ta' Ottubru, il-Papa qal lill-Arċisqof Anglikan ta' Canterbury li aħna rridu ... "nagħrfu li qamu diffikultajiet ġodda u serji fil-mixja lejn l-unità". Ġwanni Pawlu II qal dan meta laqa' lil Dr. Rowan Williams, primat tal-Komunjoni Anglikana, fil-Vatikan. Dawn id-diffikultajiet m'humiex ta' natura biss dixxiplinari; uħud imissu punti essenzjali ta' fidi u morali, kompla bla ma elabora dan il-punt.

Il-Kard. Walter Kasper qal li l-ordinazzjoni ta' omosesswali prattikanti mill-Komunjoni Anglikana hi problema li taffettwa r-relazzjonijiet tagħha mal-Knisja Kattolika. Apparti dan, l-ewwel żjara tal-primat il-ġdid ikkonfermat ir-rabta kordjali personali bejn il-Papa u l-mexxej Anglikan. Dr. Williams, ta' 53 sena, qal lill-ġurnalisti li baqa' mpressjonat bl-ispirtu u r-rieda straordinarji u qawwija li għandu l-Papa.

### Qaddisin u Beati

Jekk ngħoddu l-ħames beatifikazzjonijiet li għandhom isiru fid-9 ta' Novembru, Ġwanni Pawlu II jkun ipproklama 1,320 beati u jkun ikkanonizza 476 qaddisin ġodda.

### Il-Media fil-Familja: Riskju u Rikkezza

Dan hu s-suġġett magħżul minn Ġwanni Pawlu II għall-Jum Dinji tal-Komunikazzjonijiet tat-23 ta' Mejju 2004. Il-Messaġġ sħiħ tal-Papa għal dan il-jum jiġi tradizzjonalment ippublikat fl-24 ta' Jannar, festa ta' S. Franġisk de Sales, patrun tal-kittieba. Nota mill-Kunsill Pontifiċju għall-Kommunikazzjonijiet Soċjali qalet li għall-ewwel darba, it-tħabbira tas-suġġett saret fid-29 ta' Settembru, il-festa ta' l-Arkanġli Mikiel, Rafiel u Gabriel, li l-aħħar wieħed minnhom ġie magħżul qaddis patrun tar-radju.

Għandek xi tip ta' proprjetà għall-bejħ: Farm Houses - Appartamenti - Plots u Rabà?
Jekk tixtieq tbiegħ xi proprjetà wasal s'għandna jew ċempel lil J.Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Franġisk, Victoria - Gozo Tel.21553960 - 21560102 \ Fax.21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* ***www.debrincat.com.mt***




### *Il-Gozo Channel... "Quo Vadis"?*

Ma nistax ma nsemmix it-tħassib tiegħi, u bħali ta' ħafna Għawdxin, dwar il-ħinijiet l-ġodda tal-vjaġġi tal-*Gozo Channel*. Nifhem li mhux sewwa li l-kumpanija *Gozo Channel* tbati telf sustanzjali, però nibqa mbellah kif l-uniku mezz biex taqsam dan l-imbierek fliegu, mezz li m'għandu l-ebda kompetizzjoni minn kumpaniji oħra, mezz li jintuża minn eluf u eluf ta' passiġġieri matul is-sena kollha, kellu jispiċċa bid-dejn! B'din l-azzjoni li ttieħdet qegħdin ibatu l-iktar dawk l-istudenti u ħaddiema Għawdxin li ta' kuljum ikollhom imorru Malta biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum. U għalhekk inħoss li s-soluzzjoni trid tkun waħda differenti minn dik li ttieħdet. Forsi jista jsir bord ta' diskussjoni magħmul mill-membri tal-kumpanija, il-Ministru għal Għawdex u xi rappreżentanti ta' studenti u ħaddiema. Imma l-iktar ħaġa li ma nistax nifhem jew li ma rridx nniżżel hi, kif hawn uffiċċji u kumpaniji oħra kbar li qed jisolħu l-borża ta' Malta u ħadd ma ħa deċiżjonijiet drastiċi bħall-*Gozo Channel*. Donnu ħadd ma jrid jiksirha ma' ħadd. Barra aħna! L-Għawdxin dejjem l-ewwel li jlaqtuha! U għax għadna ma sibniex tarf ta' madwar 3000 "Maltin" li jippożaw ta' "Għawdxin", għax għandhom biċċa '*flat*' f'Għawdex għall-vaganzi tas-sajf, meta huma residenti f'Malta aktar milli f'Għawdex, u qed iħallsu b'qerq bħall-Għawdxin! L-*I.D. Card* saret mezz qarrieqi!

### *Seminar dwar il-Volontarjat... Għaliex?*

Dan l-aħħar ħadt sehem f'seminar dwar il-volontarjat organizzat mill-Caritas t'Għawdex. Rajtu organizzat tajjeb ħafna. Id-diskorsi u l-*workshops* li saru kienu ta' kontenut. Innutajt però ħaġa partikulari, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni mill-parroċċi. Meta ntemm is-seminar ksibt kopja ta' l-aħħar Direttorju tad-Djoċesi t'Għawdex u bdejt inqalleb il-paġni. Tistagħġeb! Kull parroċċa għandha kumitat tas-*social care* b'numru ta' ismijiet imniżżlin. Almenu dawk ma messhomx ipparteċipaw? Jew l-ismijiet u l-istrutturi tal-parroċċi qegħdin biss fuq il-karta?

Għaddew ftit jiem u sirt naf ħaġa oħra. Fl-istess jum tas-seminar, id-Djoċesi organizzat laqgħa oħra għall-parroċċi ta' Żona A. Kollox hu importanti; imma ma setgħux saru f'jiem differenti biex ma jtellfux lil xulxin? Min suppost iżomm kalendarju bl-attivitajiet djoċesani biex ma jikklaxjawx, din qabżitlu? Kollox jista' jkun!

### *Parking Privileġġjat!... Barra għar-roti!*

Fil-ġnien tal-Villa Rundle ma jistgħux jidħlu klieb u roti. Forsi biex ma jħammġux u ma joħolqux periklu għat-tfal li jkunu jilgħabu man-nanniet. Imma jekk tgħaddi filgħodu, fil-ħin tax-xogħol, tinnota li fil-ġnien ikun hemm numru ta' vetturi (mhux agrikoli!!) ipparkjati għad-dell. Kapaċi ssib karozzi, trakkijiet u muturi. Tafu ta' min huma? Ta' ħaddiema li sabu *parking* privileġġjat mingħajr ġiri, taħbit u arloġġi. Tifel b'rota mhux suppost jidħol, imma karozza privata ta' ħaddiem iva!!

### *Id-Dar ta' l-Isqof f'Marsalforn*

Meta kont abbati darba ħaduna ġimgħa Marsalforn fid-dar ta' l-Isqof. Kien żmien sabiħ u bla preokkupazzjonijiet. Illum madwar din id-dar kulħadd qed iwaqqa biex jibni l-ġdid. Se tibqa tperper waħeda d-Dar ta' l-Isqof. Ma naħsibx li attwalment qed tintuża. X'ħasra! Min jaf kemm gruppi ta' tfal u żgħażagħ għaddew minnha! Tgħid x'ser isir minn din id-dar? Id-Djoċesi għandha bżonn ta' post attrezzat u modern għall-attivitajiet pastorali ma' l-adoloxxenti u żgħażagħ, speċjalment matul is-sajf. Għax ma tinbidilx f'*hostel* modern u attrezzat? Tgħid qed noħlom?

### *Playing-field fil-Munxar... Meta?*

Tieħu gost tinnota li ħafna kunsilli lokali f'dawn l-aħħar snin wettqu diversi proġetti biex isebbħu l-ambjent u joffru post ta' rikreazzjoni lir-residenti tagħhom. Hekk dan l-aħħar għandna diversi lokalitajiet li għandhom *playing fields*, *belvederes*, *promenades*, u sa anke smajt li xi kunsill se jdaħħal xi forma ta' programm għall-mixjiet fil-kampanja. Dil-ġimgħa għadda minn għala widnejja li anke fil-Munxar kellu jsir xi *playing field* xi żmien ilu, imma

## Ritratt ... b'mistoqsija!



**Dawn il-qaddisin se jdumu jitmellħu hemm barra?!**

sa fejn naf jien għadu ma nbediex. Jixraq li anke dan ir-raħal li qed jikber kontinwament ikollu *playing-field* fejn il-familji kollha jħossu li għandhom post tagħhom, fejn jistgħu jistrieħu u jieħdu gost. Forsi l-monument li kellu jsir lill-Professur Ġużè Aquilina, iben ir-raħal tal-Munxar, ma sarx għaliex hemm il-ħsieb li jitpoġġa f'dan il-*playing-field*, li għandi nifhem mbagħad ikun iġib l-isem tiegħu?! Hekk jew mhux hekk?

## Kikkra kafè fuq il-bankini... jew fit-triq!

Il-bankina sa fejn naf jien suppost li sservi biex wieħed jimxi fuqha ħalli ma ttajrux xi karozza. Dejjem hekk kienet tgħidli ommi meta kont żgħir: qis li timxi fuq il-bankina! Illum niddubita kemm hi ħaġa possibli f'ċerti postijiet li tobdi dan il-parir għaqli. L-ewwelnett ħafna mill-bankini tagħna huma dojoq u mtarrġin, għax kull dar għandha l-istil u l-għoli tagħha. Insiha jekk trid toħroġ timxi bit-tarbija ġol-*pram* jew b'xi anzjan fil-*wheelchair*. U t-tieni, bħalissa hawn id-daqqa tal-ħwienet tal-kafè. Ma nara xejn ħażin fihom sakemm is-sid ma jarmax l-imwejjed u s-siġġijiet fuq il-bankini, jekk mhux ukoll isfel fit-triq mingħajr ebda permess. Qed jiġri li min m'għandux x'jagħmel qed jgħaddi l-ħin ixxamplat isefsef il-kafè, u min hu mgħaġġel u mgħobbi bix-xogħol jirriskja li jitlef ħajtu, vittma ta' xi karozza jew mutur! Tgħid meta nidħlu fl-Ewropa ser ikollna bankini biex inkunu nistgħu nimxu fuqhom mingħajr tfixkil u eżatt maġenbhom bankini biex ngħaddu fuqhom bir-roti? U fejn fl-Ewropa tara nies jieklu u jixorbu fuq l-imwejjed fit-toroq u fil-pjazzez, b'karozzi għaddejjin iduru madwarhom u jħokku magħhom?! Forsi... sa xħin tiġri xi storja tal-biża! Imbagħad ħadd m'għandu tort!

## L-Antenni tal-Maltacom... X'effett?

Ix-Xewkija hu raħal li fit-toroq u fil-pjazzez tiegħu m'għandux monumenti lejn x'hiex toqgħod tammira. Imma jekk tħares 'l fuq tista' toqgħod tiffissa lejn l-antenni kbar tal-*Maltacom*. Ngħiduha kif inhi, mingħajrhom l-mezzi tal-komunikazzjoni ma' jkunux daqshekk effiċjenti. Imma l-*Maltacom* qed tagħmel xi riċerka biex tara x'effetti qed iħallu l-mewġ ta' dawn l-antenni fuq ir-residenti tal-madwar? Ma jidhirlix li l-*Maltacom* qed tagħti xi kumpens lil xi ħadd talli waqqfet sas-sema dawn l-antenni. Imma mbagħad, ara min ma jħallasx il-kontijiet tagħha għax faċilment jispiċċa bla servizz! L-aqwa li ma nħallsux kera għall-antenni wkoll!

## Żdied il-qagħad... jew l-għażż?!

L-aħħar statistika li ħarġet turina li f'Għawdex il-qagħad żdied bi 18%. Forsi veru, u forsi le. Imma nixtieq inkun naf kemm żdiedu n-nies li (1) qegħdin jirreġistraw biex jidħlu mal-Gvern meta ġa' għadhom xogħol privat ieħor, jew (2) kemm huma dawk li qegħdin joħorġu "bord" jew bil-bolla, b'ċertifikat mediku falz, wara ftit snin "taparsi" jaħdmu, u (3) kemm minn dawk li qegħdin jirreġistraw jafu jirrifjutaw, bi skuża jew oħra, kull xogħol li joffrulhom biex jgħadduha bil-ftit imma bla tbatija, iduru jew iħarsu u jpaċpċu fit-toroq u fil-pjazzez! Viva x-Xogħol jew Viva l-Għażż?!

L-INTERVISTA

# *Kappillan Għawdxi f'Ruma*

**Dun Eddie Zammit jintervista lil Mons. Ġużepp Attard, kappillan tal-Parroċċa *Sant'Ignazio d'Antiochia,* dwar il-ħidma tiegħu bħala saċerdot f'Ruma għal dawn l-aħħar 30 sena**



***Kif bdiet l-esperjenza pastorali tiegħek f'Ruma? X'impressjonijiet għandek tal-ewwel snin tal-ħidma pastorali fil-parroċċi ta' Ruma? X'għajnuna sibt mis-saċerdoti u l-lajċi? Liema kienu l-parroċċi li ħdimt fihom? Kemm kienet ta' għajnuna l-formazzjoni li rċivejt f'Għawdex?***

Ftit qabel l-Ordinazzjoni Saċerdotali l-Isqof sejjaħ l-erba djakni li konna, biex ngħidulu fejn nixtiequ mmorru barra minn Għawdex għal sentejn, kif kien stabilixxa, ċioe' li fl-ewwel ħames snin il-qassisin ġodda jridu jagħmlu sentejn ta' esperjenza pastorali jew studju. Jiena xtaqt naħdem ma' l-emigranti tagħna fl-Awstralja, u meta għidt lill-Isqof b'dan il-ħsieb issuġġerili li aħjar immur l-Italja, anke minħabba l-fatt li fl-Awstralja hemm ħafna Taljani u fl-istess ħin għall-ewwel sena ma nkunx bogħod ħafna minn Malta.

Fil-bidu kienet diffiċli għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għaliex ma kontx psikoloġikament ippreparat għal Ruma, u t-tieni l-linja pastorali rajtha ħafna differenti minn tagħna l-Għawdxin. Però kelli kappillan li laqgħani ħafna u bil-mod il-mod, daħħalni fil-mentalità tal-Knisja f'Ruma. Anke min-nies tal-parroċċa kont milqugħ tajjeb ħafna, tant li ma' xi uħud minnhom sal-lum żammejna rapport sabiħ ħafna. Jien bdejt fil-parroċċa ta' Santa Caterina da Siena għal 3 snin u wara il-Kardinal Ugo Poletti bagħtni fil-parroċċa tan-Natività fejn kelli esperjenza sabiħa



ħafna għal għaxar snin, u f'dawn l-aħħar 19-il sena qiegħed kappillan fil-parroċċa ta' San Ignazio da Antiochia fejn jidhirli li sejjer tajjeb ħafna ukoll.

Il-formazzjoni li kelli f'Ghawdex kienet bażilari ħafna kemm fuq l-aspett uman u soċjali u kemm fuq il-formazzjoni teoloġika, illi sibtha ta' għajnuna kbira biex komplejt naġġorna fl-aspett pastorali attwali.

***Barra mill-ħidma pastorali int segwejt kors ta' studju ta' approfondiment fit-teoloġija. Kemm kien utli dan l-istudju għall-ħidma pastorali li ppruvajt twettaq fuq livell parrokkjali?***

Kien għalhekk illi fl-ewwel snin mort l-Università Lateranense fejn għamilt il-Kors ta' Speċjalizżazzjoni fit-Teoloġija Pastorali, li kien il-kompletament akkademiku tal-formazzjoni għall-ħidma pastorali. "Università" oħra illi kompliet il-formazzjoni tiegħi, illi għada sa llum, hija il-ħajja saċerdotali tiegħi, kompletament iddedikata għan-nies illi jixtiequ jew aħjar jistennew illi l-qassis ikun dejjem f'nofshom, u ta' dan nirringrazzja ħafna lill -Mulej.

***Wara għaxar snin ta' ħidma f'diversi parroċċi int ġejt afdat it-tmexxija tal-parroċċa ta' San Ignazio. Kif ħassejtek f'dan l-inkarigu l-ġdid? Xi sfidi kellek tegħleb biex stajt tkun mexxej ta' komunità nisranija f'belt kbira bħalma hi Ruma? X'kooperazzjoni sibt mis-superjuri tiegħek u mill-istess komunità ta' S. Ignazio? X'għajnuna sibt md-Djoċesi t'Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam ma' preżenża ta' saċerdoti Għawdxin?***

Meta l-Kardinal Poletti sejjaħli biex niġi kappillan f'San Ignazio, l-ewwel ħsieb li kien jippreokkupani bħala qassis Għawdxi, kien jekk kontx kapaċi biżżejjed biex immexxi parroċċa ġo Ruma. Dan għaliex qatt ma kont naħseb illi ser inkun kappillan x'imkien. Il- parroċċa illi għandha madwar 10,000 ruħ, għal Ruma mhix kbira ħafna, però r-responsabbiltà hija xorta waħda kbira. Preokkupazzjoni oħra kienet illi kont imħasseb jekk in-nies jaċċettawnix bħala kappillan barrani, wara li l-kappillan ta' qabli, Don Giovanni Scorza, kien ilu hawn għal 33 sena. Kien hu li beda u fforma l-parroċċa fil-Kwartier '*Statuario*', illi kiber mal-parroċċa, tant li l-kappillan kien jaf lil kulħadd mingħajr l-ebda eċċezjoni. Iżda dan il-biżà tar mal-ewwel għaliex sibt ħafna kollaborazzjoni mill-parruċċani, tant illi kull sena l-attivitajiet dejjem żdiedu u s-superjuri milli jidher dejjem kienu rikonoxxenti tal-ħidma tiegħi fil-parroċċa, tant illi ħallewni hawn sa llum wara 19-il sena! Il-ħidma fejjieda f'din il-parroċċa jien naraha mill-frott tal-ħidma għaqlija tagħna l-qassisin Għawdxin, tant illi kull meta kien imur lura qassis għawdxi, in-nies kienu jitolbuni illi jiġi qassis ieħor għawdxi. Xi kultant kienu jgergru għall-Isqof tagħna għax kienu jgħidu illi "ħadilna

qassis". Jien konvint personalment, illi l-kollaborazzjoni ta' kull qassis li ġie jaħdem fil-parroċċa tiegħi kienet ta' siwi kbir għall-pastorali parrokjali u fl-istess ħin naħseb illi kienet ukoll esperjenza pożittiva għal dawn il-qassisin ħbieb illi sirt nafhom hawn ġo Ruma. Lilhom ngħid "*Mille grazie di tutto il cuore*" u jalla l-Mulej Ġesu' jroddilhom kull ġid spiritwali fil-ħidma tagħhom saċerdotali.

***Il-parroċċa ta' S. Ignazio din is-sena qed tiċċelebra il- 50 sena mit-twaqqif tagħha. Kull mixja hija immarkata b'avvenimenti prinċipali. Liema tħoss li kienu l-mumenti importanti fil-ħajja tal-parroċċa fil-bidu tal-ħajja tagħha? X'inhuma l-ħidmiet prinċipali li rnexxilkom twettqu f'dawn is-snin kollha li ilek kappillan ta' din il-parroċċa?***



Għadna kemm iċċelebrajna l-50 sena mill-fondazzjoni tal-parroċċa, b'ħafna ċelebrazzjonijiet liturġiċi, pastorali, soċjali u kulturali, kollha konċentrati fuq il-veru sens tal-ħajja nisranija fi ħdan il-komunità parrokkjali fil-kwartier tagħna illi jġib l-isem ta '*Statuario*', qrib ħafna tat-triq '*Appia Antica*', illi jsejħula r-reġina tat-triqat. Il-pjan pastorali tiegħi illi nipprova nżomm, huwa sempliċi ħafna, illi jinħoloq minn dik l-indikazzjoni illi jagħti l-Konċilju Vatikan II:

- Il-Komunità Nisranija **tinbena** mit-tixrid tal-Kelma t'Alla (Evanġelizzazzjoni-Katekeżi) fejn għandna diversi esperjenzi, bħal Komunità Ewkaristika, Spiritwalità 'Francescana', Katekeżi tal-kbar, Katekeżi għall-kategoriji (Ġenituri, Koppji Żgħażagħ eċċ...). Ovvjament il-predikazzjoni tal-Ħadd hija okkażjoni partikolarment interessanti għax tilħaq numru kbir ta' nies.
- Il-Komunità Nisranija **hija miżmuma** mill-qawwa tal-Liturġija u l-ħajja tas-Sagramenti: għandna kura biex nipprovaw illi l-parteċipazzjoni tkun attiva ħalli tqajjem tiġdid fil-kuxjenza tal-fidili.
- Il-Komunità Nisranija **hija viżibbli u ħajja** fix-xhieda-testimonjanza konkreta fl-imħabba nisranija ta' kull membru. Ċerti għażliet pastorali jindikaw illi l-karità nisranija hija l-milja tal-Kmandament tal-Mulej, li ħalla lill-Knisja. L-attivitajiet soċjali u kulturali jistgħu jgħinu ħafna biex l-atmosfera ta' armonija fil-parroċċa tkun tista tinħass aktar.

F'dawn l-aħħar snin nista' ngħid illi l-parroċċa tbiddlet kompletament, kemm fil-kamp pastorali u kemm fl-istruttura arkittettonika. L-attivitajiet irdoppjaw jew ittriplaw. Dan ngħidu mingħajr ħafna ftaħir. Ippubblikajna ktieb fl-okkażjoni tal-50 sena tal-

parroċċa, fejn xi parruċċani taw xhieda tal-ħidma tagħhom fil-parroċċa.



***X'ħidma pastorali qegħda titwettaq bħalissa f'S. Ignazio u x'inhuma l-proġetti pastorali tal-parroċċa għall-futur?***

Wara r-riflessjoni biblika u pastorali fuq il-kapitlu 12 ta' l-ittra ta' San Pawl lir-Rumani, fuq kemm il-parroċċa f'dawn il-50 sena hija veru sinjal ta' Kristu għall-kwartier, din is-sena għażilna bħala motto "*La parrocchia che prega insieme, cresce insieme*". Dan biex insaħħu l-għeruq tagħna mar-rabta t'Alla, u nippurifikaw minn kull tentazzjoni ta intenzjoni mhix retta f'kull membru attiv tal-parroċċa. Qegħdin nipproġettaw Ċentru Soċjali Polivalente biex fil-kwartier ikun hemm mod illi nies pensjonanti, anzjani u anke nies ta nofs età, u oħrajn, ikollhom post fejn jiltaqgħu u jipprogrammaw ċerti attivitajiet kulturali, soċjali u rikreattivi, b'mod indipendenti.

***Barra mill-preżenza tiegħek bħala saċerdot Għawdxi fid-djoċesi ta' Ruma hemm ukoll saċerdoti Għawdxin impenjati fl-istess ħidma pastorali jew f'ministeri ta' qadi ieħor għas-servizz il-Knisja Universali. Kemm hemm saċerdoti Għawdxin f'Ruma bħalissa u x'ħidmiet qed iwettqu? Ġieli ikollkom okkażjonijiet li tiltaqgħu bejnietkom?***

Matul it-tmexxija tal-Isqof Cauchi, f'Ruma kien hawn dejjem xi qassisin Għawdxin jaħdmu fil-pastorali u f'xi uffiċċju kurjali. Nista' ngħid u għandna biex niftaħru illi fil-maġġoranza kbira tagħna dejjem qtajna figura sabiħa, u s-superjuri tad-Djoċesi ta' Ruma huma nfurmati dwar dan. Attwalment qegħdin 7 qassisin fil-parroċċi, wieħed fis-Santa Sede, u 3 oħra barra minn Ruma. Kull l-aħħar Ħadd tax-xahar niltaqgħu ilkoll kemm aħna fil-parroċċa tagħna fejn inkunu nistgħu naqsmu xi esperjenzi bejnietna wara li nagħmlu ċena flimkien.

***Kemm influwenzatek il-preżenza tiegħek f'Ruma bħala saċerdot u issa ukoll bħala kappillan ta' parroċċa f'Ruma? Taħseb li Ruma bħala djoċesi għadha teħtieġ is-servizzi tas-saċerdoti Għawdxin? Kif iħarsu s-superjuri u l-parruċċani tiegħek għall-preżenza tas-saċerdot Għawdxi?***

Illum inħossni qassis ruman għall- effetti kollha. Però nista' nifhem il-problematika tal-ħajja tal- Knisja f'Għawdex fejn hemm ħafna ġid spiritwali u art fertili ħafna, illi jistgħu ikabbru aktar il-ħajja nisranija ta l-Għawdxin. Ruma jien inħossha art tal-missjoni fejn l-evanġelizzazzjoni hi element pastorali primarju. Mhux faċli li tikkonverti n-nies għal Kristu u hija tant ieħor diffiċli illi żżomm fil-Knisja lil dawk li jikkonvertu! Naħseb illi l-qassis Għawdxi għadu jkun utli u meħtieg fid-Djoċesi ta' Ruma u naħseb ukoll illi l-Kardinal Vigarju Camillo Ruini u l-Isqfijiet awżiljarji għandhom rispett kbir lejna l-Għawdxin.



***X'messaġġ qasir tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna?***

Aħna l-qassisin Għawdxin nistħajjilna bħala missjunarji ta' Kristu kif ukoll ambaxxaturi ta' Malta u Għawdex permezz tax-xogħol siewi tagħna. Għalhekk għeżież qarrejja ta' din ir-rivista itolbu għalina biex nibqgħu fidili għall- vokazzjoni tagħna.

# Esperjenzi ta' Żgħażagħ Għawdxin fis-Sajf 2003

## *1. F'NAPLI*



Jiena Edel Cauchi, flimkien ma' Joeline Grima u Orietta Azzopardi, 3 tfajliet għawdxin li ddeċidejna li mmorru esperjenza ta' tliet ġimgħat ġewwa Napli ngħinu lis-Sorijiet ta' Mother Teresa jieħdu ħsieb it-tfal li jmorru fil-kunvent tagħhom għal *Colonia* (tixbaħ l-Skola Sajf tagħna). Din l-esperjenza tkun organizzata kull sena mill-K.D.Ż. ta' Għawdex u billi konna ser inkunu tlieta biss, is-sorijiet aċċettaw grupp ieħor biex jgħinuna u dawn inzertaw kienu grupp Malti.

Għall-bidu, kif waslna Napli, ħadna impressjoni vera ħażina ta' hemmhekk għax fit-toroq kont tara ħafna skart mitfugħ bl-addoċċ u tpinġijiet ma' ħitan. Ġejna milqugħin tajjeb ħafna mis-sorijiet t'hemmhekk u anke mir-residenti li joqgħodu magħhom (nisa *homeless*). It-tfal ukoll dehru li kienu ferħanin bina u din il-ħaġa għamlitilna kuraġġ inkomplu din l-esperjenza. Konna ngħallmuhom il-*crafts* u neħduhom il-baħar, u ġieli ukoll ħadnihom ġo *park*.

Din l-esperjenza tgħallmek timmatura aktar u tgħinek tħares lejn l-ambjent ta' madwarek b'mod differenti. Il-fatt li t-tfal kienu ġejjin minn familji bi problemi, kont inħossni ixxurtjata li jiena għandi familja magħquda u fil-paċi ta' Alla. Ċerti tfal kienu ukoll abbandunati mill-ġenituri stess u kienu neqsin mill-imħabba, u l-fatt li meta konna qegħdin hemm aħna, kienu jiġu fejna biex jinħabbu, għallmitni napprezza aktar l-imħabba li qed nirċievi jien mingħand ta' madwari.

Anke is-sorijiet impressjonawni bil-fatt li huma jgħixu fuq il-Providenza ta' Alla, ġieli lanqas jafu jekk hux ser ikollhom x'jieklu l-għada, imma Alla dejjem jipprovdilhom.

L-aħħar ġurnata kienet iebsa kemm għalina kif ukoll għalihom. It-tfal kollha bdew isaqsuna hekk konniex ser nerġgħu inkunu aħna fil-*Colonia* li jmiss. Din il-ħaġa laqtitni għax it-tfal fdawna mingħajr ma kienu jafuna u apprezzaw ukoll. Anke is-sorijiet u r-residenti immisjawna u tgħidx kemm żifnu u kantaw magħna fl-aħħar ġurnata, u dan kien apprezzament ta' l-għajnuna li tajnihom mat-tfal fid-dar, u anke il-ftit ħin li konna noqgħodu nitkellmu magħhom.

Esperjenza bħal din tgħinek issir tapprezza aktar l-ambjent u n-nies ta' madwarek, u xi drabi ukoll tgħinek tħares lejn il-ħajja b'mod differenti u posittiv. Il-fatt li tara li hawn nies fid-dinja li huma neqsin minn xi ħaġa jew oħra tgħinnek tagħmel kuraġġ, int li għandek is-saħħa, dar fejn torqod u imħabba, biex tħalli kollox warajk għal żmien u tmur tagħti ftit milli għandek.

Nixtieq li jekk xi ħadd huwa mħajjar li jagħmel xi tip ta' volontarjat, ma' għandux jaqta qalbu. Ħadd ma għandu jgħid li għadu żgħir biex jagħmel dan it-tip ta' esperjenza, jew inkella forsi ikollu bżonnu hu stess dan it-tip ta' għajnuna. Lanqas għandek tgħid li kbirt, għax qatt ma hu tard.

Alla iridna ngħinu lill-proxxmu tagħna b'xi mod jew ieħor f'kull mument tal-ħajja, għax kieku ma kienx ser jagħtina ħajja daqshekk twila. Ma naħluhiex fix-xejn!

***Edel Cauchi***

## 2. *F'MESSINA*

Kien it-30 ta' Ġunju ta' din is-sena meta jien u xi għaxar żgħażagħ oħra ta' l-età tiegħi, taħt it-tmexxija ta' Fr. Joe Zammit, tlaqna Messina, belt fin-naħa ta' fuq ta' Sqallija. Din kienet ġimgħa li fiha aħna kellna nagħmlu ftit xogħol volontarju ma' l-anzjani f'*Casa d'Ospitalità* ta' Collereale. Din hija dar li tilqa' fiha nies anzjani li ma tantx ikollhom min jieħu ħsiebhom. L-iskop tagħna kien li bil-preżenza tagħna dawn in-nies nagħtuhom ftit wens bil-mod kif stajna.

Filgħodu wara l-qawmien konna nibdew il-ġurnata bit-tifħir ta' sbiħ il-jum quddiem Ġesù Sagramentat. F'dan il-mument ta' talb konna anke nqassmu x-xogħol li konna inkunu ser nagħmlu matul il-ġurnata. Wara konna nagħmlu sa nofsinhar induru ma' l-anzjani. Din kienet xi ħaġa li huma kienu jieħdu ħafna gost biha. Konna ninqasmu fi tlett gruppi: grupp fis-sular ta' l-irġiel, grupp ieħor fis-sular tan-nisa u oħrajn fejn kien ikun hemm il-morda u persuni b'diżabilità. F'ġimgħa kull grupp irnexxielu jdur kważi l-anzjani kollha. Kien hemm anke patri tas-saċerdoti anzjani. F'nofsinhar konna nieklu u wara kien ikollna ftit mistrieħ. Għall-ħabta ta' l-erbgħa kien ikollna Quddiesa u għal din konna nniżżlu ħafna mir-residenti. Il-Quddiesa kienet tkun mument sabiħ ħafna, għaliex minkejja d-differenzi fl-età konna nkunu familja waħda. Biex anke nagħtu ftit ħajja lil dak il-post darba għamilna purċissjoni bil-Madonna u darba oħra fl-ewwel ġimgħa tax-xahar b'Ġesù Ewkaristija. Konna nduru mad-dar kollha. Dawk li setgħu jimxu kienu jiġu warajna, l-oħrajn kienu jibqgħu f'posthom jistennewna naslu. Naħseb li b'dawn l-attivitajiet reliġjużi ferraħniehom xi ftit peress li rari jaraw ħaġa bħal din. Filgħaxija imbagħad wara l-ikel konna ngħidu t-talba ta' l-għasar u anke naqsmu l-esperjenza tal-ġurnata. Fl-aħħar konna noħorġu ftit flimkien u mmoruu f'xi post sabiħ fejn ingawdu lil xulxin.

Minn din l-esperjenza laqtuni tlett affarijiet partikulari. L-ewwel waħda hi li b'affarijiet żgħar għamilna lil dawn l-anzjani kuntenti. Meta konna għadna ma wasalniex kelli dik il-mistoqsija f'moħħi: "Jien x'nista' nagħmel biex dawn in-nies inferraħhom ftit? Iżda r-risposta malajr ħadtha, għax meta bdejna niltaqgħu magħhom u nkellmuhom huma kienu jifirħu ħafna bina u kienu japprezzaw ħafna l-fatt li aħna morna hemm għalihom. Xi ħaġa li laqtitni ħafna kien fl-aħħar ġurnata meta konna ġejjin u konna qed induruhom biex inkellmuhom ta' l-aħħar. F'ħin minnhom kien hemm mara bdiet tibki għax konna sejrin, u jien hemmhekk indunajt kemm aħna konna dħalna fil-qalb ta' dawn l-anzjani.



Xi ħaġa oħra kienet il-kura u d-dedikazzjoni li bihom it-tobba u l-infermiera f'din id-dar kienu jitrattaw lil dawn l-anzjani. Kienu jidhru li xogħolhom mhux qed jagħmluh sempliċiment għall-ħlas Iżda kienu kuntenti li kienu qed jagħmlu dak ix-xogħol u jagħmluh minn qalbhom. Żgur li dawn flimkien mas-sorijiet li jieħdu ħsieb id-dar jagħmlu ħafna aktar milli suppost jagħmlu. Indunajt kemm fid-dinja għad hawn nies tajbin imma ma tantx jagħmlu ħoss. Fl-aħħarnett, din il-ġimgħa kienet anke esperjenza li fiha aħna bħala grupp sirna nafu aktar lil xulxin u s-sens ta' komunità kien jinħass sewwa. Anke l-ħarġiet li konna nagħmlu flimkien, swew biex aħna tgħallimna minn xulxin u kbirna fl-għaqda ta' bejnietna.

Din kienet esperjenza sabiħa ħafna u li tħallik sodisfatt, kif ukoll tagħtik ċertu ferħ interjuri. Wara kollox din l-esperjenza għamilniha bi kliem Ġesù f'moħħna: "Kull ma tagħmlu mal-iċken fost ħuti, tkun għamiltuh miegħi". U meta nagħmlu l-ġid ma' Ġesù li jinsab fil-persuni ta' madwarna, aħna żgur li nħossuna kuntenti.

***Trevor Sultana***

## 3. FL-EĠITTU



Kien April ta' din is-sena. Waslitli rivista d-dar li fuqha kien hemm stedina għaż-żgħażagħ għal xogħol volontarju matul is-sajf. Ma nafx għaliex din l-istedina laqtitni. Kumbinazzjoni kont qed nitkellem ma' ħabiba tiegħi u qaltli li hi wkoll kienet interessata li tagħmel xi esperjenza minn dawn. Għamilna kuraġġ b'xulxin u tħajjarna mmorru l-Eġittu fuq xogħol ta' volontarjat.

Ta' kull sena l-Ġiżwiti jorganniżżaw esperjenzi ta' volontarjat għaż-żgħażagħ. Din kienet waħda minnhom. Konna grupp ta' 16 u minn kmieni bdejna niltaqgħu flimkien biex nippjanaw, nippreparaw, niddiskutu u naħdmu. L-għan tagħna kien li nitilgħu ngħinu lil tfal foqra f'ambjent u kultura differenti minn tagħna, u wkoll biex tikber il-ħbiberija tagħna bħala grupp.

Ix-xogħol volontarju kien isir f'żewġ postijiet. Ta' kull filgħodu konna naqbdu *minibus* għal villaġġ jismu Mukhattam. F'dan il-villaġġ jintefa' l-iskart kollu tal-pajjiż u n-nies tal-post jippruvaw jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-iskart billi jiġbruħ u jirriċiklawh.

Konna niltaqgħu ma' 150 tifel u tifla u magħhom konna nilgħabu, nagħmlu xogħol ta' krafts, inkantaw u anke ngħallmuhom xi ftit Ingliż ħafif. Xi ħaġa li għadha timlieni bil-ferħ hi l-mod ta' kif kienu jilqgħuna t-tfal meta naslu. Kulħadd kien jaqbad miegħek u jgħannqek u jbusek. Il-ferħ kien jinħass f'qalb it-tfal u rnexxilhom jimlew lil kull wieħed u waħda minnha li konna hemm bil-ferħ tagħhom.

Għal xi nofsinhar konna nispiċċaw ix-xogħol tagħna, però it-tfal kienu jixtiequ li mmorru magħhom id-dar. Kulħadd kien iġebbed fik biex tmur id-dar miegħu. Kelli x-xorti li mmur f'diversi djar u b'hekk stajt nara aktar mill-qrib il-faqar li qed jgħixu fih dawn in-nies. Ġurnata minnhom żewġ t-itfal, jisimhom Moody u Madliene, stednuni biex immur id-dar tagħhom. Fit-toroq ma stajtx ma ninnutax gżuż kbar ta' żibel. Wasalna d-dar u hemm sibna lill-ġenituri tagħhom. Għalkemm ma tantx stajna nikkomunikaw tajjeb, xorta waħda ħassejna ruħna milqugħa ħafna. Tiskanta: minkejja li huma hekk fqar xorta jippruvaw jagħtuk minn dak il-ftit li għandhom. Tkellimna ftit u qabel ma tlaqna qomna lkoll bilwieqfa, qbadna jdejna f'xulxin, u bdew jgħidu l-Missierna. Ħassejt ferħ u hena u għaqda spiritwali f'dik il-familja, li għalkemm qed jgħixu f'dak il-faqar kollu jħossu lil Alla fiċ-ċentru ta' ħajjithom.

Filgħaxija konna mmorru f'dar oħra ta' Mother Teresa, f'post jismu Fagalla. Hawnhekk, xi erbgħa minna kellna numru żgħir ta' tfal li magħhom konna nagħmlu l-istess xogħol ta' filgħodu. Oħrajn kienu jagħmlu xogħol ma' l-anzjani f'din l-istess dar, u xogħol manwali ieħor, bħal tindif, ħasil u għajnuna fil-kċina.

Is-sorijiet ta' Mother Teresa impressjonawni ħafna. L-ebda kejl m'hu biżżejjed għax-xogħol li jagħmlu b'imħabba kbira . Malajr tinduna li qed jagħmluh b'dedikazzjoni kbira, dejjem bi tbissima fuq wiċċhom, għax kollox jagħmlu għall-glorja t'Alla.

Din l-esperjenza unika żgur li se nibqa' nġorrha tul ħajti kollha. It-tfal ħabbejthom wisq, u ma nista' ninsa qatt dak il-wiċċ sabiħ u innoċenti tagħhom, u dawk l-għajnejn ileqqu mimlija mħabba.

Din l-esperjenza ħajritni li nagħmel esperjenzi oħra mat-tfal fil-missjoni, u minn qalbi nixtieq li kull żagħżugħ u żagħżugħa jkollhom iċ-ċans jagħmlu esperjenzi bħal din.

Fl-aħħarnett nixtieq ngħid grazzi lilek, Mulej, li emmint fija u tajtni ċ-ċans li nagħmel din l-esperjenza li tant imlietli qalbi b'paċi u hena.

*Charlene Saliba.*

**Home Decorations**
* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**VERSI RIFLESSIVI**




## Fuq Qabri

*Għad jisbaħ jum li ma jżernaqx għalija.*
*Għad tasal siegħa li ma nismax iddoqq.*
*Għad xita traxxax u lil għadmi ssaqqi.*
*Għad dud jiekolni, u fit-trab ndub.*

*U f'dak il-jum, Mulej, fittex eħlisni.*
*U f'dik is-siegħa, Mulej, għinni nqum.*
*Mid-dud u mit-tinwir erġa' għaġinni.*
*U bi traxxix ix-xita nibbet ruħ għalik.*

**Francis Sultana**

## Erwieħ fiċ-Ċipress

*Kibru, għolew u twalu,*
*das-siġar taċ-ċipress,*
*biswit min fl-art jitqiegħed,*
*jistrieħ, biex le jintmess.*

*Għeruqhom fl-oqbra xenxlu*
*ħa jerdgħu mit-tħassir,*
*li f'nutrijent jinbidel;*
*zokk, friegħi, jgħin bil-kbir.*

*U f'dan il-metamorfisi,*
*fil-ġandar nara rjus,*
*ta' min, għad li ħalliena,*
*mis-siġar għadu jsus.*

*U f'jiem Novembru jgħannu,*
*il-għanja tal-Mulej,*
*kif jibda r-riħ jeħodha*
*mas-siġar hu w għaddej.*

**Francis Sultana**



B'TIFKIRA TAL-BEATIFIKAZZJONI TA' "OMM IL-FOQRA", 19-10-2003

# Kelmet Madre Teresa...



**1. Fejn hemm Ġesù,**

- Hemm il-ferħ
- Hemm il-paċi
- Hemm l-imħabba.

U għalhekk Kristu għamel lilu nnifsu l-ĦOBŻ TAL-ĦAJJA, biex ikun għalina il-ħajja tal-imħabba u tal-ferħ.

**2. Nippriedkaw b'ħajjitna!**

Ħalli lin-nies jaraw lil Kristu fik:

- jaraw kif titlob
- jaraw kif tgħix ħajja safja
- jaraw kif tittratta lill-familja tiegħek
- jaraw kemm għandkom paċi fil-familja.

Imbagħad tista' ddur fuq in-nies u tgħidilhom; "Din hija t-triq".
Int titkellem mill-esperjenza ta' ħajtek.

**3. X'jagħmilna kuntenti?**

Jekk aħna x-xogħol tagħna nibdluħ f'talba...

- Jekk aħna nagħmluh *lil* Ġesù,
- Jekk aħna nagħmluh *għal* Ġesù,
- Jekk aħna nagħmluh *ma'* Ġesù,
- **DAN JAGĦMILNA KUNTENTI!**

**4. Biddlu Qlubkom!**

Sakemm ma nbiddlux qlubna, ma nkunux ikkonvertejna. Mhux biżżejjed tibdel il-post, mhux biżżejjed tibdel ix-xogħol. Is-soluzzjoni hi waħda biss;- BIDDLU QLUBKOM!
Fuqhiex ħa nkunu ġġudikati?
Fl-aħħar ta' ħajjitna, m'aħniex ser inkunu ġġudikati

- Minn kemm ksibna lawriji.
- Minn kemm qlajna flus.
- Minn kemm suċċessi għamilna.

Aħna nkunu ġġudikati hekk;-
"Kont bil-ġuħ, u intom tmajtuni"
"Kont għeri u libbistuni"
"Kont bla dar u lqajtuni għandkom"...

**5. Minhix kapaċi ngħix bla Kristu!**

Ma nistax nimmaġina ngħix ġurnata waħda mingħajr Kristu...
Għax HU

- Il-ħajja tiegħi
- L-imħabba tiegħi

**GĦAX HU ĦAJTI...**
**HU MĦABBTI...**
**HU KOLLOX GĦALIJA...!**



Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# il-Qaddisa ta' Żmienna

### 6. Għax hawn daqshekk tbatija?

Jekk hawn daqshekk tbatija u mrar fid-dinja tal-llum, ir-raġuni hi din;-

**IT-TARBIJA**

It-tarbija mhix imwielda, it-tarbija innoċenti
- Hi mitluqa
- Hi traskurata
- Mhix maħbuba.

It-tarbija hija

**L-IKBAR RIGAL T'ALLA;**
- Lill-familja
- Lin-nazzjon
- Lid-dinja.

### 7. L-Abort

L-abort huwa l-ikbar theddida għall-paċi. Jien nemmen li ebda bniedem ma għandu qatt jerfa idu biex joqtol il-ħajja. Kull ħajja hi l-ħajja t'Alla fina. Ma għandna l-ebda dritt li neqirdu din il-ħajja... Tarbija hija dejjem rigal minn Alla.

**L-ABORT HU L-GĦAJN TAL-ĦAŻEN KOLLU LI HAWN FID-DINJA!**

### 8. Erbgħa u għoxrin siegħa kuljum!

Jien ngħix ma' Kristu u għal Kristu 24 siegħa kuljum. Jien noffrilu
- **ĦAJTI**
- **QALBI**
- **IMĦABBTI**
- **ĦIDMIETI**
- **KOLLOX!**

### 9. X'inhu l-FERĦ?

Il-Ferħ hu t-Talb.
Il-Ferħ hu Qawwa.
Il-Ferħ hu l-Imħabba.

Il-Ferħ hu xibka ta' mħabba biex nirbħu l-erwieħ (għal Kristu)
Li tkun ferħan fi Kristu
U mbagħad taħdem u tgħix Għalih ifisser:-
1. Tħobb kif ħabb HU.
2. Tgħin kif għen HU.
3. Tagħti kif ta' HU.
4. Issalva kif salva HU.
5. **LI TKUN MIEGĦU 24 SIEGĦA KULJUM.**



### 10. FUQ KOLLOX:

***Mingħajr TALB m'hemmx Fidi***
***Mingħajr FIDI, m'hemmx Imħabba***
***Mingħajr IMĦABBA, m'hemmx Għotja tiegħek innifsek.***
***Mingħajr GĦOTJA tiegħek innifsek m'hemmx QADI lil dawk li huma fil-bżonn.***

*Dawn il-kwotazzjonijiet huma meħuda minn żewġ kotba fuq Madre Tereża:* ***"To Live, To Love, To Witness – Her Spiritual Way"*** *ta' Lush Gjergji u* ***"Words to Love by"*** *minn Mother Teresa nnifisha. Dawn iż-żewġ kotba jinkisbu mil-Lumen Christi Bookshop.*

BOOKMARK

# Marija l-aqwa għalliema ... mhux għal Ottubru biss!

***Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, "F'Ottubru fl-Iskola ta' Marija", It-Tieni Edizzjoni, Lumen Christi Publications, Ottubru 2003, Portelli Print, pp. 96, Lm1.***




Mal-bidu tas-sena skolastika, waħda mill-ikbar preokupazzjonijiet li jkollhom il-ġenituri tagħna hija dik li uliedhom isibu ruħhom fl-aqwa skola u bl-aħjar għalliema. Xejn ma jagħtihom iktar ferħ u fiduċja fil-progress ta' uliedhom, għajr li jkollhom dawn iż-żewġ affarijiet, li jqisuhom bħala essenzjali. L-Isqof Nikol Cauchi, fl-aħħar ktejjeb tiegħu li hija edizzjoni ġdida ta' ktejjeb li kien ħareġ ħdax il-sena ilu, jipproponielna li nerġgħu nsiru allievi u studenti fi skola partikulari u b'għalliema mill-aqwa. Din l-iskola u din l-għalliema mhix għajr ħlief Marija, l-Omm tagħna lkoll. Marija hija tassew għalliema mill-aqwa, għax kif jgħid l-Isqof Cauchi fid-daħla ta' dan il-ktejjeb: "Qatt ma nistgħu nkunu għidna kollox dwar il-kobor u l-qdusija tal-Verġni Marija, l-Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin."

Il-lezzjonijiet li jingħataw f'din l-iskola, kif inhuma proposti fil-ktejjeb ta' l-Isqof Cauchi, huma ġabra ta' meditazzjonijiet qosra li jgħinu lill-qarrejja sabiex jikkontemplaw il-virtujiet u d-doni li bihom kienet imżejna r-ruħ ta' l-ikbar qaddisa fost il-qaddisin. Dan kollu għandu bħala għan li n-nisrani jasal biex jikber u jissaħħaħ fil-qima u d-devozzjoni marjana, matul is-sena kollha.

F'pajjiżna, id-devozzjoni marjana hija ħajja u qawwija. L-insara ta' pajjiżna jħobbuha lill-Madonna u jippruvaw ikabbru d-devozzjoni lejha b'qima ħierġa tassew mill-qalb. Però l-aqwa qima, kif jgħidilna l-Isqof Cauchi, li wieħed jista' jagħti lill-Verġni Marija hija dik li jkabbar dejjem iżjed fih il-kult ta' l-imitazzjoni. Lill-Verġni Marija u lill-qaddisin li aħna tant inħobbu u ngħożżu nistgħu nqimuhom b'qima sinċiera meta nippruvaw nixbħuhom u nimitawhom fil-virtujiet tagħhom. Fost il-virtujiet marjani l-Isqof isemmi: il-fidi, il-grazzja, it-tama, l-imħabba, l-għaqal, il-qawwa, it-temperanza, l-umiltà, l-ubbidjenza, u s-sabar. L-Isqof f'dan il-ktejjeb jikteb ukoll dwar ir-relazzjoni bejn Marija u Alla, u kif hi inkarnat f'ħajjitha d-doni tal-Ispirtu s-Santu.

Il-ktejjeb huma imqassam biex jintuża għall-meditazzjoni personali matul ix-xahar t'Ottubru, ix-xahar tal-Madonna, imma jista' jintuża għal kull xahar tas-sena. Għalhekk huwa imqassam f'31 meditazzjoni, waħda għal kull ġurnata. Wara kull meditazzjoni wieħed isib ukoll talba qasira li tiġbor fi ftit kliem il-ħsieb tal-meditazzjoni. Fi tmiem dan il-ktejjeb insibu ukoll Att ta' Konsagrazzjoni lill-Madonna li tista' ssir fil-familji kif ukoll fl-għaqdiet jew fil-gruppi nsara tagħna.

Il-ktieb huwa miktub bi stil mexxej, imżejjen b'diversi xbiehat marjani, u għandu daqs taskabbli biex wieħed ikun jista' faċilment iġorru miegħu. Dan il-ktejjeb huwa il-15 il-wieħed fis-sensiela "Ejjew Nitolbu" li l-*Lumen Christi* t'Għawdex qed tieħu ħsieb li tippublika. Il-ktejjeb jista' jinkiseb kemm mill-*Lumen Christi* t'Għawdex kif ukoll mil- libreriji ta' kotba b'ispirazzjoni nisranija f'Malta.

***Fr Eddie Zammit***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL : (356) 2156 1212 / 2156 1213   FAX : (356) 2156 0133
e-mail : tokk@johnportelli.travel.com.mt
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL : (356) 2124 7016 / 2123 5772   FAX : (356) 2124 7536
e-mail : sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex
# Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -119
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2003

# Il-BOLLO FUQ IL-ĦOBŻ

Id-dokument numru mija u dsatax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' ittra li għandha x'taqsam mal-*bollo* jew it-taxxa li kellha titħallas fuq il-ħobż. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 40r (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 40v).

L-ittra hi miktuba mis-Siniskalk Caraffa bi tweġiba għal ittra li bagħtitlu l-Universitas. Din hi traskrizzjoni tagħha:

**Sopra il particolare del bollo del pane sono si dirli in risposta della scrittami alli 15 del corrente che atteso il gran scalo che sincorre tra nel anno corrente del bollo del pane, s'informino con diligenza se ci fosse qualche collutione tra i concorrenti et in ogni evento facciamo puplicare nelle Colleggiale e nella Parochiale di S. Giorgio, che nel giorno et hora da essere designita da loro, si metterà nel publico inconto detta gabella e si libereva al più offerente, et in questa conformità eseguirete e Dio Nostro Signore vi prosperi.**

*Malta, li 26 Ottobre, 1703*
*Il Priore della Roccella e Senescalco Caraffa.*

L-importazzjoni tal-qamħ, tax-xgħir, u tal-maħlut għall-ħobż fi żmien il-Kavallieri kienet f'idejn il-Gvern. L-Universitas kienet tixtri l-qamħ għall-bżonnijiet kollha ta' Għawdex u taħżnu f'imħażen li kien hemm fiċ-Ċittadella.

Il-qamħ ma kienx jinbiegħ lil kulħadd, iżda lil min jagħti l-ogħla offerta fuqu. Min jieħu l-offerta, kien ibiegħ il-qamħ lill-furnara li kienu jmorru għand it-taħħan biex jagħmluh dqiq.

Iktar ma tkun għolja l-offerta, iktar kien hemm dħul ta' *bollo* jew taxxa, li kienet ikkalkulata fuq kull modd li jinxtara. Din it-taxxa kienet tmur għal diversi skoppijiet. Skop ewlieni kien iż-żamma tas-swar u tad-dejma għall-ħarsien ta' Malta u Għawdex mill-għadu u mill-furbani. Kien għalhekk li meta l-Universitas inqalgħetilha problema fuq din it-taxxa, kitbet lis-Siniskalk. Is-Siniskalk, kif ktibna darb'oħra, kien il-kavallier li kellu s-setgħa fuq is-suldati, speċi l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Kavallieri f'Malta.

L-Universitas kitbitlu fil-15 ta' Ottubru, u hu irrispondiha fis-26 ta' l-istess xahar. L-offerta għall-bejgħ tal-qamħ għas-sena 1703–1704 ingħatat ħafna iktar baxxa, *gran scalo*, mis-snin ta' qabel. Il-ġurati ta' Għawdex kienu bejn ħalltejn jekk għandhomx jaċċettawha jew le.

Is-Siniskalk qalilhom preċiż x'passi għandhom jieħdu. L-ewwel, kellhom jistħarrġu jekk in-nies li soltu jitfgħu l-offerta kinux ftehmu bejniethom biex iżommu l-offerta baxxa. Kienx hemm *qualche collutione*, igħid id-dokument, speċi ta' kartell.

Wara li kellu jkun aċċertat dan, kellha mill-ġdid issir sejħa għall-offerti f'jum u f'ħin preskritt minnhom. Il-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa kellha ssir fil-Knisja Kolleġġjata ta' Għawdex, il-Matriċi fiċ-Ċittadella, u fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Tliet mit sena ilu, in-nies kienu bdew iħallu d-djar taċ-Ċittadella u jinżlu joqogħdu fid-djar ikbar ir-Rabat. Kien għalhekk li l-offerta kellha titħabbar San Ġorġ ukoll.

Il-bejgħ tal-qamħ kellu naturalment jingħata lil min jagħmel l-aħjar offerta. "J'Alla s-Sinjur Tagħna jagħtikom ir-risq," temm l-ittra tiegħu is-Siniskalk.


Sopra il particolare del bollo del pane sono si dirli in risposta della scrittami alli 15 del corrente che atteso il gran scalo che sincorre tra nel anno corrente del bollo del pane, s'informino con diligenza se ci fosse qualche collutione tra i concorrenti et in ogni evento facciamo puplicare nelle Colleggiale, e nella Parochiale di S. Giorgio, che nel giorno, et hora da essere designita da loro si metterà nel publico inconto detta gabella e si libereva al più offerente, et in questa conformità eseguirete, e Dio N.ro S.re vi prosperi. Malta li 26 8bre 1703
Il Priore della Roccella e Senescalco
Caraffa

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (21)



# Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla u l-Feddej Tagħna

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 11. Kristu huwa veru Alla

Ix-xhieda li Kristu huwa veru Alla, insibuha fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida, fuq kollox fl-Evanġelji Sinottiċi (Mattew, Mark u Luqa), fil-Vanġelu ta' San Ġwann u fl-ittri ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Sa minn żmien l-Appostli l-verità li Kristu huwa Alla kienet il-fidi komuni għall-komunitajiet kollha nsara. Bir-raġun għalhekk li l-istqarrija tat-twemmin tal-Knisja fid-divinità ta' Kristu, insibuha, f'ħafna mis-Simboli tal-Fidi; hekk per eżempju fis-Simbolu ta' l-Ewwel Konċilju Ġenerali ta' Niċea (A.D. 325) jingħad: "Aħna nemmnu f'Alla wieħed, il-Missier li jista kollox li għamel il-ħwejjeġ kollha, dawk li jidhru u dawk li ma jidhrux. U f'Mulej wieħed, Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, l-waħdieni mnissel mill-Missier, Alla minn Alla, Dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul". Fis-Simbolu "*Quicumque*," kompost bil-latin, qrib it-tmiem tal-ħames seklu, li kien igawdi awtorità kbira fil-Knisja Latina u ġie mdaħħal f'diversi liturġiji tal-Punent, hemm il-kelmiet: "Aħna nemmnu u nistqarru li l-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, Iben t'Alla, huwa ugwalment kemm Alla u kemm bniedem. Huwa Alla, min-natura tal-Missier, imnissel qabel kull żmien, huwa bniedem min-natura ta' l-omm tiegħu, imwieled fiż-żmien; huwa Alla perfett u bniedem perfett."

### A. Mill-Kotba Sinottiċi

*i. Ix-xhieda tal- Missier tas-Sema.*

Fil-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan, leħen mis-sema qal: "Dan hu Ibni l-maħbub, li nitgħaxxaq bih"(Mt. 3,17; Mk. 1,11; Lq. 3, 22) u fit-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor, leħen mis-sħab instema' jgħid: "Dan hu ibni l-maħbub, isimgħu lilu" (Mt. 17, 5; Mk. 97; Lq. 9,35). L-espressjoni biblika "ibni l-maħbub" għandha l-istess tifsira, bħal "ibni l-waħdieni" (Mk.12 ,6).

*ii. Ix-xhieda ta' Kristu nnifsu.*

• **jistqarr li huwa aqwa mill-ħlejjaq kollha.**

Kristu jgħid li huwa ikbar mill-profeti u s-slaten tar-Rabta l-Qadima, Ġona u Salamun (Mt.12, 41; Lq. 11, 31) minn Mosè u Elija, (Mt, 17, 13; Mk 9,4; Lq. 9,30) David iqisu bħal Sid tiegħu (Mt. 22,43; Mk. 12,36; Lq 20, 42). L-anġli huma qaddejja tiegħu (Mt. 4,11; Mk. 1,13; Lq. 4,13). Jista' jitlob lill-Missier u jibgħatlu iktar minn tnax il-leġjun ta' anġli (Mt. 26,53). Kristu bħala Iben t'Alla, huwa iktar 'l fuq mill-anġli u l-bnedmin (Mt. 24,36; Mk. 13, 32).

• **Kristu jqis lilu nnifsu ndaqs ma' Alla.**

Huwa jieħu għalhekk, għalih innifsu, ċerti karatteristiċi u setgħat divini, li fit-Testment il-Qadim huma mogħtija biss lil Jahweh. Kif kien jagħmel Alla fil-Liġi l-Qadima, Kristu jibgħat il-profeti u l-imgħallmin fil-Liġi (Mt. 23,34; Lq. 11 49) u jwegħedhom l-għajnuna tiegħu (Lq. 21,15). Bis-setgħa tiegħu huwa jipperfezzjona u jbiddel ċerti preċetti tal-Ligi l-Qadima, (Mt. 5,21). Huwa "s-Sid tas-Sibt "(Mt. 12.8; Mk. 2,28; Lq. 6,5). Kristu jagħti preċetti u ordnijiet bl-awtorità tiegħu. Huwa jimponi fuq id-dixxipli tiegħu ċerti obbligi, li Alla biss jista jimponihom fuq il-bnedmin, bħal meta talabhom jemmnu fil-persuna tiegħu u jwegħdhom il-premju għall-fidi tagħhom fih, (Mt. 8,13; 9,2; Mk. 10,52; Lq. 7,10 ) iwiddeb lil dawk li għandhom fidi dgħajfa (Mt. 16, 8, 17, 20; Mk 4,40). Jeżiġi mid-dixxipli tiegħu mħabba lejh personalment, li tgħaddi kull imħabba fost il-bnedmin: "Min iħobb 'il missieru jew 'l ommu aktar minni ma jistħoqqlux li jkun tiegħi" (Mt.10,37). Jinsisti saħansitra li għandhom jissagrifikaw ħajjithom għalih (Mt. 10,39, Lq. 17, 33).

Ġesù jaċċetta l-qima, anki ta' dawk li jinżlu għarkubtejhom quddiemu, li skond id-drawwiet kemm tal-lhud u ta' l-insara, hija qima li għandha tingħata lil Alla biss.

• **Ġesù huwa konxju mis-setgħat u l-qawwa divina tiegħu.**

"Ġiet mogħtija lili kull setgħa fis-sema u fl-art"(Mt. 28,18). Jużа din il-qawwa biex jagħmel il-mirakli,



**u jagħti lid-dixxipli tiegħu din il-qawwa biex huma wkoll jagħmlu mirakli f'ismu** (Mt. 10,1,8; Mk. 3,15; 6,7; Lq. 9,1, 10,17).

Ġesù jassumi għalih s-setgħa li jaħfer id-dnubiet, li hija setgħa ta' Alla waħdu (Mt. 9,2; Mk. 2,5; Lq. 5,20) u jagħti lill-appostli s-setgħa biex jaħfru huma wkoll id-dnubiet (Mt. 16, 19; 18, 18).

Kristu bil-mirakli tiegħu juri li huwa għandu tabilħaq qawwa omnipotenti (Mt. 9,6).

Ġesù jassumi l-uffiċċju ta' mħallef tad-dinja, li skond it-tagħlim tat-Testment il-Qadim huwa prerogattiva ta' Jahweh (Ps. 49,1-6; Żakkarija 14, 5). L-Iben ta' Alla li jiġi fil-glorja tal-Missier, jagħti lil kull bniedem skond għemilu. Il-ġudizzju tiegħu huwa finali u jitwettaq immedjatament: "U jmorru dawn għat-tbatija ta' dejjem, u t-tajbin għall-ħajja ta' dejjem" (Mt. 25, 46).

• **Kristu jirrivela lilu nnifsu bħala "Iben ta' Alla"**; imma jiddistingwi bi kliem ċar il-mod kif huwa Iben t'Alla, mill-mod kif id-dixxipli tiegħu jissejħu "wlied Alla," għax fil-waqt li huwa Iben waħdieni ta' Alla u għandu l-istess divinità tal-Missier, l-oħrajn huma biss wlied adottivi. Hekk per eżempju jtenni "Missier tiegħi u Missier tagħkom " (Mt. 25,34, 26,29; Lq. 2,49; 24,49) It-talba tal-"Missierna" propjament mhix it-talb li għamel biex jgħidha hu, iżda hija t-talba li għandhom jgħidu d-dixxipli tiegħu: "Hekk mela għandkom titolbu: 'Missierna li inti fis-smewwiet..." (Mt. 6, 9-13).

Meta kien għad għandu tnax il-sena fit-tempju, wara li ġie misjub minn Marija u Ġużeppi, rrevela din ir-relazzjoni speċjali li l-Iben għandu mal-Missier Alla, "Għaliex qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jien għandi nkun fid-dar ta' Missieri?" (Lq. 2,49).

• **Kristu għandu għarfien li huwa l-istess għarfien li għandu l-Missier**, ċioè għarfien jew xjenza infinita; "Ħadd ma jagħraf l-Iben ħlief il-Missier u lanqas ħadd ma jagħraf il-Missier ħlief l-Iben u dak li l-Iben irid igħarrafhulu" (Mt. 11, 27, Lq. 10,22). B'dawn il-kelmiet, Ġesù wera li huwa rċieva minn għand il-Missier il-milja tal-verità tar-rivelazzjoni, u l-milja tal-qawwa divina biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

Quddiem is-Sinedriju, Kristu jiddefendi l-verità li huwa l-Messija u veru Iben t'Alla, għaliex meta s-Sommu Saċerdot staqsih jekk kienx il-Messija, Kristu wieġeb fl-affermattiv: "Int għidtu. Imma ngħidilkom li għad taraw 'il Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tas-Setgħani u ġej fuq is-sħab tas-sema" (Mt. 26, 64) u skond San Mark: "Jiena hu..."(14, 62).

• **Barra mit-titli ta' "Iben ta' Alla," u ta' "Messija"**, mogħtija lil Kristu, fis-Sinottiċi hemm xhieda oħra li huwa kien Alla, dan għaliex l-għemejjel ta' Kristu u l-imġieba tiegħu huma għemejjel u mġieba ta' Alla, hekk li ħadd ma seta' jagħmilhom kif għamel Kristu, ħlief Alla veru.

Il-Liġi ġiet mogħtija minn Alla fir-Rabta l-Qadima, u biha ried juri r-rieda tiegħu lill-poplu magħżul tiegħu. Imma Kristu għallem bl-awtorità u bħal wieħed li għandu s-setgħa l' fuq mil-liġi u li għandu d-dritt li jinterpretaha, japplikaha, u jbiddilha kif irid. Alla waħdu jista jaħfer id-dnubiet, kif osservaw anki l-għedewwa ta' Kristu, imma huwa wera li għandu din il-prerogattiva divina.

Alla li għandu s-setgħa fuq il-ħajja u l-mewt; imma Ġesù bis-setgħa tiegħu ta' Alla, ta l-ħajja mill-ġdid lill-mejtin u fl-aħħar qajjem lilu nnifsu mill-mewt.

Għalhekk, ix-xhieda ta' Kristu mhix xhieda tal-kliem biss, iżda hija xhieda kkonfermata bil-mirakli u l-profeziji li għamel, bil-qdusija eċċezzjonali ta' ħajtu, bit-tagħlim sublimi tiegħu u bil-fatt li huwa kien lest li jmur għall-mewt biex ma jiċħadx jew ibiddel ix-xhieda tiegħu.

*(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Għoxrin Parti )*

**(Ikompli mill-ħarġa ta' qabel)**

## MARD TAS-SIĠAR TAL-FROTT

### *26. Il-Mard tal-Foqqiegħ*

Il-mard tal-foqqiegħ hu fungu li ż-żerriegħa (spori) tiegħu tista' tinfetta l-frott tal-bambinella meta jkun għadu qiegħed igħaqqad għall-bidu ta' Marzu u jibqa' jattakkah sa l-aħħar ta' April.

Fuq il-frott żgħir li jkun attakkat titfaċċa tebgħa żgħira ċkejkna ta' lewn vjola skur u li ġieli tkun kbira daqs piżella żgħira. Aktar tard din it-tebgħa tinbidel f'għamla ta' foqqiegħa sewda u tħalli warajha qoxra skaldata fil-frotta. Meta l-frotta tikber, il-qoxra skaldata tikber magħha, u din ġie li tlaħħaq it-tliet kwarti ta' pulzier minn naħa għall-oħra. Jekk il-frott jikber malajr, il-qoxra skaldata tinfaqa' għax ma tkunx tista' tlaħħaq magħha. Jista' jiġri wkoll li l-frotta ma tiżviluppax sewwa madwar il-qoxra skaldata. Għalkemm il-frotta titlef fid-daqs u fid-dehra tagħha, ma ssirilha ebda ħsara fil-qalba tagħha. Jekk il-frott jiġi attakkat fl-imwaħħar, it-tebgħat suwed ma tantx jinfirxu wisq u l-frotta jistgħu jitfaċċaw fuqha tikek suwed irqaq minn zokk ta' sulfarina jew ta' kull daqs ieħor sad-daqs ta' munita ta' għaxar ċenteżmi.

Il-mard tal-foqqiegħ jeħtieġ li jiġi mneħħi qabel ma jitfaċċa għax frott attakkat ma jistax jiġi msoffi minnu. Ġilda skaldata qatt ma tista' terġa' ssir tarja.

L-ispori tal-fungu li jikkawża l-mard tal-foqqiegħ jeħtiġilhom li jsibu l-frott u l-weraq tal-lanġas u l-bambinella niedja għal xi sigħat biex ikunu jistgħu jinfettawh. Għalhekk wieħed għandu jieħu ħsieb is-siġar tiegħu l-aktar meta t-temp ikun niedi.

### *27. Id-Dubbiena tal-Frott*

Id-dubbiena tal-frott u l-ħsara li tagħmel fuq iċ-ċitru huma magħrufa biżżejjed. Sikwit tattakka ħamsa u disgħin fil-mija tal-frott kollu. Hija insett sabiħ bi lwien igħajtu, b'għajnejh ħomor, bi tbajja' suwed ileqqu fuq dahru, żaqqu kannella ċar b'żewġ faxxi minn lewn l-irmied, il-ġwienaħ trasparenti bi tbajja' kannella ċari, u tliet faxxi ħadranin.

Id-dubbiena tal-frott tmiss kull xorta ta' frott billi ttaqqbu ħalli tbid fih. Hija tniggeż u tikkaġuna toqba rqiqa daqs ponta ta' labra fil-qoxra għal ġol-frotta. L-istess frotta jista' jkollha kemm-il toqba. Tattakka l-ħawħ u l-laringi, u tikkaġuna ħsara lit-tuffieħ imwaħħar. Tattakka wkoll il-lanġas f'nofs l-istaġun, iżda rari tmiss il-bambinella. Imbagħad il-frotta tibda titħassar u taqa'. B'xorti ħażina, il-bajtar tax-xewk qiegħed iservi biex din id-dubbiena tkompli tnissel u toktor u m'hemmx għalfejn insemmu xi ħsara qegħda tagħmel lill-biedja.

Għall-aħħar ta' Awissu tibda tniggeż il-frott taċ-ċitru, u tibqa' sejra tniggeż il-frott sa wara li jkunu għamlu ħalbiet kbar ta' xita għall-ħabta ta' Novembru. Il-frott jiġi attakkat meta jkun għadu aħdar bejn wieħed u ieħor tliet kwarti tad-daqs imlaħħaq, għalkemm jista' jiġi attakkat ukoll ma' l-imwaħħar.

Il-laringa mniggża għall-ewwel tisfar madwar it-tingiża, imbagħad issir safranija kollha kemm hi u taqa' mis-siġra qabel ma tkun kibret kemm imissha u qabel ma teżla. Il-biċċa l-kbira tal-frott taċ-ċitru jiġi attakkat bl-aħrax, minbarra l-lumi, speċjalment il-laringi.

Id-dubbiena tal-frott wieħed irid jibda jieħu ħsiebha sa mill-bidu ta' Lulju, jibqa' sejjer hekk matul Awissu u anki Settembru, u jekk tibqa' s-sħana, anki f'Ottubru.

### *28. Id-Dubbiena l-Ħamra tal-Laringi*

Fis-sena 1944, ċertu Dun Vitor Attard mix-Xagħra, Għawdex, kumbinazzjoni sab mezz kif jista' jeqred id-dubbiena tal-frott li tattakka l-laringi. Isimgħu l-istorja tiegħu, kif irrakkuntaha l-istess Dun Vitor:

"Issa għandek tkun taf li dan ir-rimedju sirt nafu b'sempliċi aċċident: wieħed ġar kellu tank żgħir tal-pitrolju u beda jitlef. Allura skartah u tefgħu fil-ġnien taħt is-siġra tal-laringi; iżda 'l għada kien għaddej minn ħdejh u fuq l-għatu jsib kwantità ta' dubbien, u ġie għandi juri dan it-tank bid-dubbien mejjet fuqu.... Insomma jien 'l għada ppruvajt fil-ġnien, taġen qadim bi ftit pitrolju.... u wara xi erba' sigħat insib il-qiegħ kollu tat-taġen mimli dubbien; u minn dak in-nhar 'l

hawn kemm landi ċatti sibt, bħalma huma tal-*preserve*, ta' l-aringi u tas-sardin, kollha dendilthom mas-siġar. Però, billi l-pitrolju jevapora u jinxef ħafif fl-arja, allura bdejt nagħmel ftit żejt maħruq tal-magni; dan idum bosta ma jinxef u jagħmel l-istess effett sempliċement meta tagħmel ftit pitrolju miegħu."

Għalhekk, ir-rimedju kif suġġerit minn Dun Vitor kien dan:

"Hu platt ċatt jew taġen qadim, kwalunkwe reċipjent (aħjar ċatt); itfa' ftit pitrolju mal-qiegħ tal-platt u poġġih ma' djul is-siġra jew aħjar imdendel fiha - wara ftit, speċjalment fil-bnazzi u x-xemx, tara d-dubbien jittajjar u jinġabar madwar il-pitrolju sakemm jogħdos fih u jibqa' hemm. Donnha ħaġa ħadd ma jemminha, imma jista' wieħed jipprovaha hu."

## 29. In-Nassa tad-Dubbien

Għad-dubbiena tal-frott il-bdiewa kellhom ukoll in-Nassa tad-Dubbien tal-frott. Din kienet tkun bħal vażett tal-ħġieġ magħmul fuq il-prinċipju tan-nassa tal-ħut. Id-dubbiena tal-frott kienet tidħol minn toqba fil-qiegħ u tgħaddi minn lembut li jispiċċa b'toqba dejqa b'mod li meta tidħol ma tkunx tista' toħroġ. Fil-qiegħ tal-vażett il-bidwi kien jitfa' sustanza bajda mħallta bl-ilma qisha ħalib, imsejħa vork, li kienet tattira l-insetti u toqtolhom billi kienet velenuża.

Dawn in-nases tad-dubbien dari wieħed kien jara minnhom imdendlin l-aktar mas-siġar tal-larinġ fejn id-dubbiena tal-frott tagħmel ħsara kbira. Illum dawn in-nases m'għadhomx jidhru, għalkemm għad hawn min għandu minnhom.

Illum aktarx jintuża bexx velenuż biex jeqred id-dubbiena tal-frott, li mhux ikun iġjenikament ħieles mill-periklu għall-konsumatur tal-frott.

## 30. Id-Dubbiena taż-Żebbuġ

Din hija dubbiena żgħira tixbah lid-dubbiena tal-frott li tattakka l-larinġ u l-ħawħ. Hu kaġun ta' din id-dubbiena li l-biċċa l-kbira taż-żebbuġ jaqa' qabel ma jsir. Id-dubbiena tibda tbid kmieni fix-xahar ta' Ġunju u tagħmel tingiża daqs labra fil-qoxra taż-żebbuġa.

Għalhekk, iż-żebbuġ irid min jieħu ħsiebu kemm għal nofs Ġunju, kif ukoll f'Lulju u Awissu.

## 31. It-Tajjara

Dan l-insett inissel ċapep ta' tajjar abjad kaħlani fuq iz-zkuk u l-friegħi tas-siġar. Fil-gżejjer tagħna jattakka wkoll l-egħruq. Jekk tħares sewwa taħt it-tajjar għandek issib briegħed ta' kulur vjola. Jekk tgħaffġu bejn subgħajk joħroġ minnu ilma ta' lewn aħmar fil-vjola. Dawn il-briegħed tat-tajjara jgerrmu z-zokk u l-friegħi tas-siġar u jikkaġunaw għoqod qishom kankru sakemm il-qoxra tmut. Meta jiġri hekk mard u mess ieħor jista' jidħol fis-siġra mill-partijiet infettati u jdgħajjef jew joqtol dik il-parti tas-siġra.

## 32. Il-Ħanfus tal-Patata

Bl-Ingliż din tissejjaħ *Colorado Beetle* u hija verament saħta kontra l-uċuħ tal-patata.

Din il-ħanfusa hija twila biss daqs nofs pulzier u magħmula nofs tond. Għandha lewn isfar b'ħames sinjali suwed. Fuq għonqha jidhru żewġ sinjali suwed oħra u fuq kull ġenb ta' dawn iż-żewġ sinjali jidhru ħafna tikek suwed. Bħall-insetti kollha għandha sitt saqajn.

L-omm tistaħba fil-ħamrija u għall-ħabta tar-rebbiegħa toħroġ tbid. Tgħix biss tliet ġimgħat, imma tbid bajd biżżejjed biex tiżgħed f'ħafna bnadi. Malli ż-żgħar jofqsu jibdew jieklu flimkien mal-kbar il-patata li jsibu u jagħmlu ħsara li ma titfissirx.



Frotta attakkata bid-dubbiena

Tista' titrażżan bil-bexx, iżda wieħed ma jistax jafdaha għax tixtered wisq billi għandha ħajja qasira u toktor malajr.

### 33. *Il-Ħanfusa s-Sewda*

Din ikollha disinn abjad fuq rasha. Tmiss is-siġar tal-frott irqiq kollha: ħawħ, ċuprisk jew nuċiprisk, berquq, għajnbaqar, il-pruna u ċ-ċirasa, flimkien mat-tuffieħ u l-lanġas.

Hawn ta' min igħid li d-dudu tal-ħanfusa s-sewda jħaffer fil-qoxra tas-siġar billi din tbid fix-xquq tal-qoxra għall-ħabta ta' Awissu u Settembru, mentri d-dudu ta' l-oħra, il-Qirda Muqrana, iħaffer fl-injam. Għalhekk is-siġar tal-frott iridu jitlaqqmu fuq il-lewż għax iz-zokk tal-lewż ma jiġix attakkat minn dawn l-insetti.

Dan id-dudu jkun jinsab taħt il-qoxra taz-zokk f'kolonji kbar ta' mija jew mitejn il-waħda u ta' kull daqs avolja aktarx ikunu ta' tagħqida waħda, billi x'uħud jikbru aktar bil-mod minn shabhom. Iż-żmien li jrid biex isir ħanfusa hu ta' sentejn jew ftit aktar.

Is-siġra marida titgħakkes sewwa. L-ewwel sena tagħmel weraq ċkejken, ħatab qasir u kwantità ta' frott imkittef. It-tieni sena tibda tnixxef il-weraq u l-friegħi, u f'qasir żmien tispiċċa għal kollox. Iz-zokk ewlieni juri xi toqob imnejn ikun ħareġ id-dud imlaħħaq f'sura ta' ħanfusa, u taħt il-qoxra jkun immermer bil-ħsara kollha li jkun għamel id-dudu sakemm kiber.

B'xorti tajba dan id-dudu ma jmissx is-siġar tal-lewż morr u lanqas tal-berquqa selvaġġa. Għalhekk wieħed għandu jlaqqam is-siġar tal-frott irqiq fuq il-lewż morr, u meta tkun siġra tal-berquq, fuq il-berquqa selvaġġa. It-tilqima għandha ssir pied jew pied u nofs mill-art biex il-ħanfusa li tkun tirgħa biex tbid il-bajd ma tilħaqx il-ħatab it-tajjeb.

### 34. *Il-Qirda Muqrana*

Għall-ħsara li ssir fuq is-siġar tal-frott irqiq, il-bidwi ħafna drabi jwaħħal f'ħanfusa oħra msejħa l-Qirda Muqrana, imma din tattakka l-lanġas u t-tuffieħ ta' belludja biss. Din tħaffer ġewwa l-ħatab.

Il-Qirda Muqrana hija ħanfusa sabiħa ta' xi żewġ pulzieri, ta' sura tawwalija, lewn iswed sabiħ u mżejna b'par qrun twal, kollha għoqod, li meta tkun tiġġerra fuq il-friegħi, iżżommhom dejjem arbulati, mixħuta 'l quddiem u jitbandlu minn naħa għal oħra.

Għall-ħabta ta' Mejju u ta' Settembru, il-Qirda Muqrana tkun tittajjar minn siġra għal oħra, terda' l-umuri li jkunu ħerġin mill-friegħi miksura 'l hawn u'l hemm, u tfittex ix-xquq fuq is-siġar tal-lanġas u tat-tuffieħ biex tkun tista' tbid fihom. Aktarx li tbid max-xifer tal-ħamrija jew ftit aktar 'l fuq, minn bajda sa erbgħa fuq kull siġra, mhux bħall-ħanfusa tal-frott irqiq li tbid ħamsin bajda f'post wieħed.

Id-dud irqiq li jfaqqas mill-bajd malajr itaqqab il-qoxra u jistaħba fiz-zokk, fejn jibqa' jħaffer kanali ġewwa l-qalba ta' l-injam matul iz-zokk u l-friegħi kollha, u jarmi mit-toqba ta' isfel dak il-frak ta' l-injam li jinġabar bħal serratura ma' sieq is-siġra.

Id-dudu jibqa' jikber u jeħxien, u jilħaq it-tul ta' tliet pulzieri jew aktar. Ikollu rasu sewda, għamla ċatta, u l-ewwel ċirku ta' ġismu wisq akbar mill-oħrajn. Meta jkun ċkejken ikun daqsxejn ħamrani, iżda meta jikber isir abjad perfett jew jagħti fil-krema. Aktarx jieħu sentejn biex isir insett, ħanfusa.

Is-siġar mimsusin mid-dudu tal-Qirda Muqrana jibdew sejrin lura billi jnixxfu l-friegħi u ma jlaħħqux il-frott li jkollhom fuq il-friegħi mtaqqba. Aktarx ikampaw kemm-il sena qabel ma jmutu, iżda għomorhom dejjem ikun qasir, saħansitra wkoll meta jiġu kkurati.

Is-siġar tal-lanġas u tat-tuffieħ wieħed irid jikkurahom biex ma jbatux minn dan l-insett. Irid qabel xejn jaħsbilhom għall-inqix, għaż-żabra, għat-tisqija u għall-bżar (demel fin) li jkollhom bżonn biex ikunu jifilħu għall-mard u ma jċedux ma' l-ewwel attakk.

Malli jidher iz-zokk imtaqqab, id-dudu ta' ġewwa fih irid jinqered. Dari kienu jeqirduh bil-fildifierru li jiddaħħal fit-toqba sakemm jilħaq iċarrat id-dudu. Kien ukoll jintlaħaq b'tajjara bil-bisolfur tal-karbonju mdeffsa ġewwa t-toqba. Iżda dan il-bisolfur tal-karbonju wieħed ma kienx isibu malajr, għax kien perikoluż ħafna li jinżamm ġewwa d-dar jew fil-qrib għax jieħu n-nar malajr. Għalhekk, floku ġie li kienu jużaw faħma żgħira ta' l-aċitelena u tajjara mxarrba bl-ilma fuqha. Il-grass li tagħti l-faħma jimla t-toqba u joqtol id-dudu, l-istess bħalma kien jagħmel il-bisolfur.

Wara li wieħed kien joqtol id-dudu, kien jagħlaq it-toqba bis-siment jew aħjar b'xi pasta tar-raża jew tal-qatran li jużaw il-ġenniena biex igħattu l-feriti tas-siġar. Kienu wkoll jaqtgħu l-friegħi morda li jkunu bdew jinxfu.

Kienu wkoll jiżbgħu għal darbtejn matul is-sajf pied u nofs miz-zokk b'mistura tal-ġir imtoffi bil-ħmieġ tal-baqra frisk. Dan għax siġar imħawla f'xi maqjel għall-beraħ qatt ma jintmessu minn dan id-dudu li biex ibid ifittex injam nadif u bla rwejjaħ.

Bi prekawzjonijiet bħal dawn il-ġennien jew il-bidwi kien jista' jgawdi s-siġar tal-frott tiegħu għal żmien twil biżżejjed u l-ħidma tiegħu ma tisfax fix-xejn.

*(Jissokta)*




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full 'A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



**Da Luigi's**
**Restaurant & Wine Bar**
*For the finest food & best selection of wines*
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



**Bar**
**Restaurant Pizzeria**
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**TEKNO ZONE**
T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2156 5304 Mobile: 79491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net

**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
• *St. Simon Street, Xlendi, Gozo* •
Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**
**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**






# Il-Mużew ta' Karmni Grima fil-Parroċċa ta' l-Għarb

Karmni Grima twieldet fit-2 ta' Frar 1838 fid-dar li llum huwa l-mużew imsemmi għaliha. Kienet l-iżgħar fost l-ulied li twieldu lill-koppja Tumas Grima u Antonja Apap. Dak iż-żmien il-bdiewa ftit li xejn kienu jieħdu edukazzjoni, lanqas dik primarja, peress li l-familja kollha kienet tintefa' b'ruħha u ġisimha għax-xogħol iebes tal-għelieqi u għat-trobbija ta' l-annimali, minfejn bl-għaraq ta' xbinhom kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum. Karmni kibret u kabbret fiha għożża kbira għal dak li hu reliġjuż u kienet devota kbira tar-rużarju. Barra minn hekk kellha mħabba speċjali lejn l-Assunzjoni ta' Marija Santissima li kien jinsab għall qima f'kappella ċkejkna fil-limiti magħrufa bħala Ta' Pinu, ftit 'l bogħod minn fejn kienet toqgħod. Fil-fatt il-kappella tidher dritt quddiem il-faċċata tad-dar tagħna. Ta' spiss Karmni kienet tieħu l-muftieħ tal-kappella, li kien ikun moħbi wara ġebla kbira, u tidħol fis-skiet tal-kappella fejn kienet toqgħod titlob waħidha fil-ħemda ta' dawk l-inħawi.

Ġara mela li nhar it-22 ta' Ġunju, 1883, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu, x'ħin Karmni Grima kienet rieġa lura lejn id-dar mill-għelieqi li kellhom ħdejn ta' Ġordan, hija u għaddejja minn ħdejn il-kappella, ix-xebba ta' 45 sena semgħet vuċi li bdiet issejħilha minn ġewwa. Karmni daħlet u hekk kif kienet titlob il-vuċi misterjuża reġgħet instemgħet u qaltilha: "Għid tliet Ave Marija f'gieħ it-tliet ijiem li ġismi dam fil-qabar".

Franġisk Portelli, raġel twajjeb mill-Għarb, messitu l-istess esperjenza sabiħa li għaddiet minnha Karmni Grima. Kien wara xi snin li huma rrakkuntaw l-esperjenzi tagħhom lil xulxin. Is-sigriet ta' dawn il-ġrajjiet inkixef wara tliet snin, meta mara marida serjament ġiet imfejqa mirakolużament wara li sar talb għall-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu. Minn dak inhar bdew jiġu organizzati pellegrinaġġi u nies minn kull naħa ta' Għawdex u Malta bdew iżuru dil-kappella ċkejkna. Minkejja dan Karmni u Franġisku baqgħu jgħixu l-ħajja sempliċi w umli tagħhom.

Fl-1887 dawn it-tnejn min-nies kienu msejħa mill-Isqof Pietru Pace, isqof ta' Għawdex, biex jindaga l-każ. Sadanittant bdew jiġu rappurtati aktar fejqan permezz tal-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu, u l-qima lejn din ix-xbieha bdiet titkattar dejjem aktar u bdew jaslu offerti minn kull naħa tal-Gżejjer Maltin kif ukoll minn barra. Hekk li inħass il-bżonn li jinbena is-Santwarju u fit-30 ta' Mejju 1920 tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' dan il-Maqdes Nazzjonali, illum magħruf bħala sempliċiment "Ta Pinu".

Naf li ħafna qarrejja jafuha din l-istorja, imma huma bosta dawk, speċjalment iż-żgħar li qed jaqraw din is-sensiela, li għadhom ma semgħux kif seħħew l-affarijiet, u hekk inpoġġi lil Karmni Grima fil-perspettiva tagħhom ukoll.

## *Id-Dar*



Din id-dar tinsab fil-bidunett tar-raħal ta' l-Għarb, sewwa sew tħares lejn it-tramuntana, fejn f'nofs il-kampanja wieħed isib s-Santwarju tant għażiż dedikat lill-Madonna ta' Pinu. Din il-binja ġiet mibdula f'mużew reliġjuż/ folkloristiku fuq inizjattiva tar-rettur tal-knisja Ta' Pinu ta' dak iż-żmien Mons.Lorenzo Portelli u Dun Nikol Cauchi, illum l-Isqof t'Għawdex. Meta Dun Beneditt Camilleri laħaq rettur tas-Santwarju, irrestawra d-dar u kabbar il-mużew għad-dar kollha, u reġgħet infetħet għall-pubbliku fil-5 ta' Settembru 1974. Fil-25 ta' Ġunju 1958 kienet twaħħlet plakka kommemorattiva tal-irħam mal-faċċata tad-dar li fuqha wieħed jara lil Karmni Grima u l-kappella Ta' Pinu kif kienet fis sena 1883. Id dar hija komposta minn żewġ sulari. Bħal kull dar ta' dak iż-żmien fis-sular t'isfel kienu jrabbu u jżommu l-bhejjem u tjur, fil-waqt li f'dak ta' fuq kienet tgħix il-familja.

## *Il-Mużew*

Fl-entrata nsibu mdendla mal-ħitan tmien pitturi li juru l-istorja, kwadru wara l-ieħor, tas-Santwarju Ta' Pinu, minn kappella ċkejkna, qabel ma' Karmni semgħet l-ewwel sejħiet tal-Madonna, sas-Santwarju Nazzjonali li jeżisti llum. Mill-entrata wieħed jitla' fit-terrazzin biex jidħol fil-kmamar l-oħra. L-ewwel kamra kienet il-kamra l-kbira tas-sodda u kienet isservi wkoll biex jgħixu fiha. Tispikka f'din il-kamra l-figura ta' Karmni Grima liebsa ħwejjeġ raħlin ta' l-aħħar tas-seklu dsatax. Fuq il-lemin tinsab is-sodda li fuqha mietet Karmni u mal-ħitan hemm imdendla bosta santi ta' l-istess żmien. Fuq gradenza sempliċi hemm għall-wiri statwa tal-Bambin Ġesù li kien tlibbes minn Karmni stess. Fl-ewwel vetrina nsibu msiebaħ, għodda tal-kċina tal-fuħħar, kollezzjoni ta' fuħħar li kien jintuża għall-ikel, ilma u mbid, kif ukoll flixkun tas-sħana tal-fuħħar.

F'vetrina oħra naraw oġġetti tal-ħġieġ u taċ-ċeramika, bħal sett tat-te' qadim u fliexken tal-ġniebru. F'rokna minnhom nilmħu xogħol tat-tajjar li kien jinħadem bil-bosta f'dawk iż-żminijiet. U f'vetrina oħra naraw xogħol tal-bizzilla u rakkmu li kienu nħadmu minn Karmni nnifisa. Hemm għall-wiri wkoll il-għodda wżati f'dawn is-snajja antiki li llum inqerdu jew qed jonqsu ħafna.

## *Franġisku Portelli*

Fil-kamra li jmiss hemm murija manikin ieħor li jirrappreżenta lil Franġisk Portelli. Dan Franġisk kien bin Salvu Portelli u Ċensa Caruana u twieled l-Għarb fis-6 ta' Ottubru 1850. Huwa trabba fil-ħanut tal-ħaddied ta' missieru u fir-raba tal-familja. Kien devot ħafna tar-reliġjon. Karmni u Franġisku kienu fdaw f'xulxin l-esperjenzi li kienu għaddew minnhom. Għall-ħabta ta' Ottubru 1886, Ċensa, omm Franġisku mardet serjament u kienet waslet f'xifer il-mewt. Imma l-familja talbet bil-ħerqa lill-Madonna Ta' Pinu, u ommu fieqet mirakulożament. Minn dak inhar Franġisku u Karmni saru żewġ appostli kbar tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa miet xi erba' snin wara Karmni, fl-4 ta' Frar 1926. Il-presepju li nsibu f'din il-kamra jurina kemm kien għal qalb Franġisku żmien il-Milied. Ma kienx jasal Milied li ma kienx jibni presepju kbir. Bosta mill-oġġetti li nsibu f'din il-kamra kienu tal-familja ta' Franġisku, minbarra vetrina li l-oġġetti ta' ġo fiha kienu kollha ta' Karmni Grima. Interessanti fosthom hija l-istatwa tal-Madonna u San Ġużepp qed iżommu lil Ġesù Tarbija ġo benniena. Karmni kienet tħobb tbandal dik il-benniena waqt il-meditazzjoni tagħha fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla.

## *Il-Kappella*

Il-kamra li jmiss kienet isservi bħala l-kappella tad-dar, fejn gradenza ġiet irranġata f'altar żgħir. Fuq dan l-ispeċi ta' altar insibu l-pittura ta' l-Assunta taħt baldakkin aħmar. Fil-festi tal-Madonna, Karmni u Franġisku flimkien ma' xi ħbieb kienu jiltaqgħu hawnhekk biex ifakkru l-okkażjoni bit-talba tar-rużarju, qari mill-Bibbja u kant reliġjuż li kien akkumpanjat mid-daqq tal-armonju li jidher ukoll f'din il-kamra. Fuq in-naħa tax-xellug tal-altar hemm siġġu miksi b'damask aħmar. Karmni kienet żvelat li fuq dak is-siġġu kienet tpoġġi l-Madonna waqt l-apparizzjonijiet tagħha lilha. Karmni qatt ma ħalliet lil ħadd joqgħod bilqiegħda fuq dak is-siġġu.

Il-kċina tinsab fit-terrazzin u kienet tintuża wkoll għall-ikel. F'rokna minnhom insibu kollezzjoni ta' għodod tal-kċina tas-seklu dsatax, newl , magna tal-ħalġ u oġġetti oħra marbuta mal-ħajja ta' kuljum ta' dawk ir-raħħala. Fl-istess kamra nsibu t-toqba tal-qattus li tintuża minn dawn l-annimali biex jidħlu u joħorġu meta l-bieb ikun magħluq.

Fis-sular t'isfel insibu l-mitħna tal-miexi b'dak kollu li jmur magħha (ara "Il-Mużew tal-Folklor" fl-istess sensiela), il-kamra tal-annimali u kamra oħra, li x'aktarx kienet tintuża għall-ħażna ta' oġġetti u għall-għalf tal-bhejjem. L-oġġetti murija bħall-għeriebel tal-ġlud, imħaret kemm tal-wieħed u kemm taż-żewġ, romblu biex iwittu l-qiegħa, satal u affarijiet oħra kollha kienu tal-familja ta' Karmni.

Il-ftuħ tal-mużew ikun kull l-ewwel u t-tieni Ħadd ta' kull xahar jew inkella jsir arranġament ma' min hu nkarigat fis-Santwarju Ta' Pinu. Dħul b'xejn.

*Riferenzi:Bezzina Mgr.Dr. Joe: Karmni Grima Museum- Madonna Ta' Pinu pp 475 - 482 (May - June 1987).*
*Bonnici Alexander: Frenċ ta' l-Għarb - 1993.*
*Gauci Mgr.Dr. Anton: Gozo - A historical and tourist guide to the Island. 1969.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



*L-uniku ritratt li jeżisti ta' Dun Karm Cachia*

# 4. Dun Karm Cachia VIŻJONIJIET FIL-ĦAJJA TIEGĦU

**jikteb Angelo Xuereb**

Fil-ħajja ta' Dun Karm Cachia miktuba minn Mons Andrea Vella naqraw li seta' kellu dehriet ta' Kristu, ta' qaddisin u ta' xi erwieħ fil-purgatorju.

Forsi l-ewwel impressjoni li tiġina fil-moħħ tagħna hija din id-domanda: Seta' Dun Karm kien vittma ta' fantasija frott tat-talb bla heda li kien jagħmel? Fil-fehma tiegħi nara żewġ argumenti qawwija favur li dawn il-viżjonijiet kienu ġejjin mis-Sema biex jagħmlulu kuraġġ u ma jaqtax qalbu fid-diffikultajiet. L-ewwel prova hija li s-siġra tajba tingħaraf mill-frott tagħha. U fil-fatt Dun Karm ħalla l-impressjoni ta' qaddis kif ukoll kien ta' eżempju mill-aktar ġenwin ta' ħajja nisranija. It-tieni argument huwa li l-materjal li għandna f'idejna ġie miktub minn Mons. Andrea Vella, qassis ta' ċerta kultura,u li kien midħla tal-kotba ta' Teoloġija Spiritwali kif ukoll għadda ħajtu bħala Direttur Spiritwali fis-Seminarju ta' Għawdex.

Nisimgħu xi ftit mill-ġrajjiet kif jirrakuntahom huwa stess fl-ittri tiegħu. Fl-1926 kiteb: "Jiena l-lejla ftit kwiet. Dalgħodu kelli ftit ta' l-inkwiet, imma ma' l-inkwiet kelli wkoll ftit tal-konsolazzjoni, għaliex ħassejt lil Ġesù fejni u dam ftit ħdejja". Darba meta kien qiegħed iqaddes qabad jitbissem bla heda u ma setax jasal għat-tqarbin. Wara l-quddiesa waħda minn dawk li se jkunu se jqerru staqsietu il-għala kien jitbissem waqt il-konsagrazzjoni. Dun Karm irrispondiha; "F'dak il-ħin, fuq l-altar ġie Bambin tant sabiħ! Beda jibki ... u riedni nerfgħu u rrossu ma' sidri, kif tispiċċa? X'ħin tqarbint spiċċa kollox".

Fl-14 ta' Marzu 1918 kiteb fuq waħda mill-ħafna dehriet li Karmni Grima kien ikollha miegħu: "Nhar l-Erbgħa mort għand Karmni ta' Pori. Ġie Ġesù Bambin u staqsejnieh bħas-soltu għandux xi ħaġa sabiħa. Allura qiegħed idu fuq il-but u għalqu tajjeb. Jien lil Karmni għidtilha: "Xi ħaġa prezzjuża għandu llum". Imbagħad ħareġ tajra u żammha tajjeb biex ma ttirlux, tlabnieh biex iqegħdha f'qalbu u Hu qegħda tassew. Wara ftit reġa' ħareġ oħra. Staqsejnieh xi jridna nitolbuh fuqha din it-tajra. "Imħabba".

Għalkemm kellu dawn l-esperjenzi straordinarji Dun Karm qatt ma tkabbar iżda baqa jgħix ħajja ta' umiltà, satra u penitenza. Kien jibża' ħafna mit-tifħir tan-nies filwaqt li kien joqgħod attent biex qatt ma jitkabbar b'xi opra tajba li kien jagħmel jew bih innifsu.

Biex jumilja ruħu kien jgħid li huwa l-waħx taż-Żebbuġ, kif ukoll tenna għal diversi drabi li kien midneb kbir. Iżda biex ħadd ma jiskandalizza ruħu kien iżid: "Imma dnubiet ma rrid nagħmel qatt'.

B'hekk Dun Karm kien jibbilanċja permezz ta' atti ta' umiltà xi stima kbira tiegħu innifsu li seta' ħarrab, u għaraf jgħix ħajja sempliċi u moħbija skond il-pjan t'Alla għalih.







*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

# Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

*Għawdxin li għadna niftakru - 9* *Minn Pawlu Mizzi*

# ĊIKKU TA' L-ERWIEĦ



Kemm tifkiriet iġiebli dan Ċikku! Ma ngħaddix minn ħdejn ċimiteru li ma jiġix quddiem għajnejja. Jitlob u jgħid ir-rekremeterni għall-Erwieħ. Għalhekk tajtu dal-laqam. Laqmijiet oħra għandu. Dan, imma, għalija l-iktar li joqgħodlu.

'Niftakru,!' qalli dan l-aħħar il-ħabib tiegħi Franco Masini. 'Meta konna *boarders* San Alwiġi hu kien il-kurrier tagħna. Ommi f'idejh biss kienet tafda ħwejjiġna.' Imbagħad b'ton ta' eżaltazzjoni kompla: 'Tassew Għawdxi ta' dari. Twajjeb u onest.'

Hekk kont nafu ukoll jien. Attent għal xogħlu u moħħu fl-Erwieħ. Ma kienx jisma' l-arloġġ li ma kienx jgħidilhom rekwemeterna.

'Dak,' qalli ibnu Piju, 'huma u l-Madonna kienu l-allat tiegħu. Nhar tal-Karmnu f'nofsinhar kien joħroġ ibixx it-triq barra quddiemna. Għax, kien jgħid, dak il-ħin il-Madonna kienet tgħaddi biex ittalla' mill-Purgatorju l-erwieħ tad-devoti tagħha li jkun għexu f'din it-triq.'

Drawwiet ta' l-antiki! Daż-żmien jgħidulek il-Purgatorju ħmerija!

Ma nixtieqx nagħmel ġudizzju. Kulħadd fehmtu. Għal dawk li bħali jemmnu fil-ħajja ta' dejjem kif ngħidu fil-Kredu, it-tagħlim tal-Knisja fuq l-Erwieħ kien u għadu l-istess: 'Dawk li jmutu fil-grazzja ta' Alla iżda mhux safja għal kollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom wara mewthom, iġarrbu purifikazzjoni biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fil-hena tas-Sema.'

Min ma jemminx f'dan, nistiednu jasal sal-Mużew tal-Purgatorju li hemm f'Ruma ħdejn Kastell Sant' Anġlu. U bħali ma jibqax xettiku kif kont jien qabel rajt ix-xhieda ta' l-erwieħ stess li kienu qed jissaffew hemm.

Ma naħsibx li qatt raħ dal-Mużew Ċikku. Emmen bla ma ra. U talab u għamel għalihom sagrifiċċi bla ma gemgem jew stenna ħlas lura.

'*Għalije jaħsip ħattiħur*,' kien jgħid.

Hawn ħafna min għadu jiftakru. Jien għamilt katina ta' xi ħames snin nisimgħu. Kull nhar ta' Tnejn fuq ix-xarabank jien u sejjer lejn Malta fil-għodu kmieni.

Kont nasal dejjem l-aħħar. B'għajnejja magħluqa. Fil-ħamsa u nofs. Dak iż-żmien konna nitilqu mit-Tokk. Ċikku kien ikun diġa ħa kafè m'għand tar-Rebekk u qed jistenna fuq l-istaffa. B'ċurniena mdendla wara dahru, għonqha nkallat mibruma taħt għabtu.

'*Mele me rquċċ bellejl Pewl,*' kien jgħidli. '*Utla, għex dokk tal-katidroll!*'

U l-Kelies jew tax-Xuxi kif iħoss li kien tala' kien jistartja. Ix-xarabank tagħti xi żewġ skossi u ftit wara kif naqdbu t-Tiġrija, Ċikku jibda: '*L-eħwe, nruddow is-salojb. Fl-isim tel-missir u te' l-ibin u te' l-ispirtew issantew. Ussa, avumarije bix il-madunna tenne u tatine ġurnuta tajbe*'. Imbagħad ftit 'l isfel, f'tarf ir-Rabat, '*għell-irwiħ ta' lunk*'. U ngħidu missierna u ħobżna, ave marija u requiem. Ħdejn il-mitħna tax-Xewkija, x'ħin naslu quddiem iċ-ċimiteru tal-Barmil, nerġgħu: '*għell-eżiż tane f'doċ-ċimitirju*', u kif naqdbu '*l Xambrè*' '*għell-irwiħ kaddise tel-Kunċizzjunoj tel-Kale*'.

Darba staqsejt għaliex għal tal-Qala. Qaluli: 'Għax hemm midfuna l-eremiti. San Kerrew hemm ukoll għandu l-qabar tiegħu!'

Fuq il-vapur, imbagħad, Ċikku kien joħroġ bil-bott jiġbor għall-quddies. U fuq ix-xarabank tul it-triq kollha mill-Marfa sal-Belt nerġgħu: is-salib u pater, ave u requiem quddiem kull ċimiteru. Normalment, f'Burmarrad, f'Ħal Lija, u fit-telgħa tal-Bombi.

'Dan mhux tal-Protestanti?' kont darba staqsejtu.

'*Imm eħne għel te' Wid Emmek nejduwe*,' weġibni.

Dan Wied Għammieq ma kont qatt smajt bih.

'Min kienu?' staqsejtu.

'*Xjewħ imsikin midfune ħejjejn*!' kien qalli.

Ma qalx ħażin. Hekk kien.

Fil-kolera ta' l-1837 ix-xjuħ fl-Ospizju fil-Furjana intagħtu kwarantina fil-forti Ricasoli. L-imxija, iżda, kompliet u tant bdew imutu li d-deffiena ma setgħux ilaħħqu. U mal-mejtin intefgħu ukoll ġol-foss il-ħajjin. Il-krib tagħhom, jingħad, li għadu jinstema'! U jgħidu li jaqalgħu ħafna grazzji!

Ċikku ma kienx jinsihom. Lanqas fi triqtu lura lejn Għawdex. U kulmin kien jinzerta miegħu fuq il-karozza tal-Posta sejjer lura lejn il-Marfa mill-Belt kien ikollu joħroġ

il-kuruna biex jgħid il-kurunella ta' l-erwieħ. In-nies kienet tgedwed warajh, imma, ma kien ta fastidju lil ħadd.

Jum wieħed ħabta u sabta la tħalla jgħid għall-erwieħ u lanqas jiġbor għall-quddies. Ċikku obda. Minkejja li kien jaf li ma kien qed jagħmel l-ebda kontravenzjoni.

Imma kien hemm min kiteb fil-gazzetti kontra din l-arroganza. Jien għidt fit-*Times of Malta* li kienet tradizzjoni li għandha min jaf kemm. il-kult tal-mejtin kien magħġun fil-karattru tal-Malti minn żmien il-preistorja. Il-Ġgantija kienet mibnija fuqu. U dan ma spiċċax, la meta tfaċċaw il-Puniċi u lanqas meta warajhom ġew ir-Rumani. L-idea ta' ħajja oħra lil hemm mill-mewt komplict issaħħet bid-duttrina tal-Kristjaneżmu.

'Fuq dan il-kult issawret il-kultura nisranija,' qalli darba Ġużeppi Cutajar, 'Awturi kbar bħal Dante u Milton ukoll inqdew bih biex xegħlu l-immaġinazzjoni popolari bil-kitbiet tagħhom fuq il-Ġenna, l-Infern, u l-Purgatorju.'

Dan Ġużeppi kien ipaċpaċ aktar minn oħtu, Marija tal-Manżalett. Kien, imma, kolt. U kien jgħaġġibni jikkwota bl-amment mid-*Divina Commedia*. U minn Monti! Kien jaf kull poeżija tiegħu fuq ponot subajh. Sa kien jgħidli minn liema versi Dun Karm kien jieħu l-ideat tiegħu.

Darba ħadni fiċ-ċimiteru tal-ħabs. Ċimiteru fejn hemm midfunin għadd ta' ħallelin tajba Maltin. Rġiel, li minkejja l-ħtijiet tagħhom, aċċettaw il-kastig u rrassenjaw ruħhom m'Alla.

'Hawn,' qalli x'ħin wasalna fuq il-qabar ta' Rużar Mizzi magħruf bħala 'Xkora', 'midfun wieħed mgħallaq bla ħtija.'

Mhux il-waqt li nirrakkonta fuqu. Manwel Dimech qal biżżejjed. U nemmnu. Rużar kien xewka f'ġenb il-pulizija. Imqareb kemm tridu. Jisraq u jimbex u ma jaqbduhx. Ma qatel qatt. Il-ġustizzja, imma, riedet twarrbu. Akkużawh bi qtil, ġie kkundannat u għallquh!

Stejjer li jħammru wiċċ kull minn ħa sehem f'dak il-*frame-up*! Mill-pulizija sa l-imħallef!

Qalli wkoll fuq ir-Rużarjanti. Dawk il-fratelli tal-konfraternità tar-Rużarju li kienu joħorġu b'wiċċhom mgħammad b'kabozza, jiġbru għal dawn l-ikkundannati.

F'Għawdex ma kellniex minnhom. Kellna, imma, il-konfraternità tal-Karità. Din kienet tieħu ħsieb l-altar tal-Erwieħ f'San Ġorġ. Għamel żmien prokuratur tagħha kien il-Kan. Gann Piet Agius de Soldanis. Il-kwadru penġih Mattia Preti u ħallsu Giovanni Gourgion.

Dan Gourgion kien devot kbir ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Inxebbhu ma' Ċikku. Anke fil-fiżonomija. Fil-kwadru jidhru kemm hu u kemm martu Elena jissofragaw lill-Erwieħ. B'mod allegoriku naturalment. It-tnejn b'qannata f'idejhom isawbu l-ilma fuqhom. Tant kien devot ta' l-Erwieħ dan Gourgion li anke r-residenza tiegħu fix-Xewkija – dari t-Torri ta' Gourgion – kien semmiha għalihom. Fuq naħa waħda tad-daħla tagħha kien għamel statwa ta' ruħ titlob fin-nar u taħtha l-kitba *Sub auspicis animarum Purgatorii* (Taħt il-protezzjoni ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju).

Kienet fl-għeqqel tagħha d-devozjoni lejn l-Erwieħ dak iż-żmien! U magħha ukoll dik ta' l-Erwieħ Agonizzanti!

Ftit snin qabel, fl-1647, fil-kappella tal-Kurċifiss fil-Matriċi kienet twaqqfet is-*Società degli Agonizzanti* mill-patri Ġeżwita Dun Salv Mamo waqt il-Missjoni l-Kbira. Dal-patri kien introduċa ukoll id-daqq tal qniepen kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta. L-għan tiegħu kien li waqt li Kristu jkun agunija n-nies titlob għall-agonizzanti ta' matul il-ġimgħa. Id-drawwa intgħoġbot tant li Papa Alessandu VII fl-1661 għaniha b'ħafna indulġenzi. Dik il-ħabta kienet bdiet tindaqq ukoll ta' l-Imwiet. Fit-tard tal-jum. Biex fis-skiet tal-lejl niftakru f'ħutna mejtin.

Xi swied ta' qalb iġibuli dawk it-tokki tqal! Bla ma rrid leħen Ċikku nisimgħu jidwi fis-skiet tal-lejl. U nieqaf nitlob għall-għeżież tiegħi: ommi, missieri, qrabati u ħbiebi mejta. Uliedi jifhmuni u jitolbu miegħi. Uliedhom, imma, għandhom mnejn lanqas jindunaw bid-daqq tal-qniepen. Jibqgħu jħarsu lejja x'ħin jisimgħuni ngħid il-Missierna 'għall-għeżież mejtin tagħna'. Ma nafx għaliex.

Ma nitkażax. Bħalhom kont jien ukoll meta kont daqshom. Moħħ ir-riħ. Bilkemm niftakar fin-nanniet. Aħseb u ara lil dawk li ġew qabilhom. Qishom qatt ma eżistew u qatt ma għamlu xejn għalija. Tassew bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb!

Illum mod ieħor. Ċikku edukani. Illum niftakar fiz-zuntier l-antik ta' fejn Santu Wistin, inħossni nistħi mhux biss li iddesagrajna ċimiteru imma forsi aktar għaliex qridna fdal ta' ċiviltà li kienet unika f'dawn il-gżejjer. Floku, illum, hemm l-Oratorju Don Bosco.

Oriġinalment sa l-1680 fuq dan il-post kien hemm żewġ ċimiteri: wieħed kbir b'għaxar kappelli u ieħor żgħir, mhux aktar minn mitejn pass fid-dawra tiegħu. Jingħad li fih kienu midfunin xi membri tal-kruċjata ta' San Luduviku li mietu fl-1270. Fl-1775 l-Isqof Alperan ordna li jinbena madwarhom ħajt biex ma jibqgħux ipprofanati. Dan l-aħħar il-bqija ta' dan il-ħajt twaqqgħet biex sar ieħor ġdid tal-parking. Ħasra! L-ebda sinjal li juri li xi darba dak il-post kien post qaddis. Min jaf kieku kellu jaraħ Ċikku! M'għandix dubbju li kien jinżel għarkubbtejh u flok rekwemeterna waħda jgħid kurunella sħiħa...

Dik ir-rekwemeterna ta' Ċikku kemm iġġeddidli memorji! Nistħajjilni nismagħha kullimkien. L-iktar quddiem iċ-Ċimiteru tal-Barmil fejn leħnu nisimgħu jidwi mal-vrus ta' l-eleġija ta' Grey, biex ifakkarni li:

***Hemm, taħt iċ-ċipress dellija mgħakksa bis-snin***
***Fejn il-ħaxix iħatteb l-art miżgħuda bl-oqbra,***
***Kull wieħed fid-djuq tiegħu mistrieħa fih għal dejjem,***
***Jorqdu niesna jistennew it-talba tagħna fis-skiet u l-ombra.***

Lil Ċikku rajtu l-aħħar xi għoxrin sena ilu fuq wilċer ħdejn il-ħanut ta' ibnu Piju. '*Ora, Pawlew*!' qalli, '*inżebbiġ għell-irweħ waħdej. Għadik tejdilim xi rekemeterne?*' Ma weġibtux. Imma komplejt ngħid miegħu: 'Id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu huma fil-paċi. Hekk ikun!' Imbagħad għafasli idi. '*Sew, sew!*' qalli, '*Dowk tinsihimx. Għamlew ħafne għaline!*'

*DATA STORIKA: 16-19 TA' OTTUBRU 2003*

# ŻEWĠ RIGALI, ŻEWĠ MUDELLI, għall-Knisja u għad-Dinja

*Kummentarju ta' Nikol Baldacchino, Editur ta'"Il-Ġens Illum"*



*Kemm il-Papa Ġwanni Pawlu II kif ukoll Madre Tereża sfidaw il-kuxjenza tad-dinja u offrew tama ġdida għall-futur tal-Knisja. Ħajjithom hi xhieda ta' dan!*

Sa mill-ewwel mument li feġġ fil-gallerija ta' San Pietru nhar is-16 ta' Ottubru ta' l-1978, Ġwanni Pawlu II kien differenti. Kien l-ewwel Papa mhux Taljan f'erba' sekli u nofs, u l-ewwel mill-Polonja.

Imma d-differenza tiegħu kompliet tidher f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Huwa l-ewwel suċċessur ta' Pietru fl-istorja sħiħa tal-Knisja li żar lil kull pajjiż tad-dinja, wieħed mill-aktar mexxejja li ħalla impatt fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin u fil-bidu ta' millennju ġdid. Kien addattat għal żmienu biex jista' jwettaq differenza, biex ibiddel il-mixja ta' l-istorja, b'mod partikulari fil-kontinent Ewropew.

Fi żmien ta' bidliet kbar li seħħew fid-dinja ta' llum, Ġwanni Pawlu II huwa personalità rispettata minn kulħadd għat-tmexxija morali, politika u spiritwali tiegħu; huwa l-pellegrin li ltaqa' mal-merħla tiegħu f'kull post u ċirkustanza.

Huwa l-avukat ta' l-oppressati, ta' dawk li jsofru minn kwalunkwe tip ta' inġustizzji, tat-tarbija fil-ġuf li għadha ma twilditx, ta' l-anzjan li jista' jintwera kompassjoni falza permezz ta' l-ewtanasja. Huwa difensur bis-sħiħ tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa fuq kollox il-vuċi tat-twemmin fl-Evanġelju f'dinja li qed twarrab il-fidi fid-Divin.

Hu nsista li Alla jeżisti, mimli ħniena, u jokrob biex jiltaqa' mal-bniedem. Għall- Papa, il-bniedem ma jistax jgħix l-umanità tiegħu fil-milja tagħha mingħajr Alla.

Matul dan il-kwart ta' seklu li ilu jmexxi lill-Knisja, il-Papa tkellem fuq ħafna *issues* morali. Kemm-il darba kkundanna l-piena kapitali, il-gwerer, inkluża l-aħħar waħda fuq l-Iraq, l-abort, kif ukoll l-inugwaljanzi li jseħħu f'sistemi soċjalisti u kapitalisti.

Ma beżgħax isostni t-tagħlim tal-Knisja fuq temi kontroversjali. Fil-ħsieb tiegħu ma hemmx post għal "Kattoliċiżmu tas- *"supermarket"*, fejn wieħed jista' jieħu u jagħżel liema tagħlim tal-Knisja għandu jobdi jew le.

Kif kien mistenni, dan mhux dejjem ġablu t-tifħir u ċ-ċapċip. Imma l-vuċi tiegħu, minkejja l-mard u x-xjuħija, baqgħet soda. L-enċikliki tiegħu huma



*L-Ewkaristija - l-għajn mnejn ġiet il-qawwa tiegħu u tagħha*



Il-Bewsa tal-Qdusija bejn żewġ eroj ta' żmienna

kullana ta' ħsibijiet li joffru alternattiva nisranija għall-filosofiji umanistiċi u relattivisti ta' żmienna.

Ġwanni Pawlu huwa rigal tal-Knisja lid-dinja ta' llum. Min-naħa tiegħu, hu ta rigal lid-dinja. Fl-Anniversarju tal-Fidda tal-pontifikat tiegħu, huwa xtaq u nsista li Madre Tereża tkun beatifikata. Matul ħajjitha, bħal Ġwanni Pawlu, hija sfidat il-kuxjenza tagħna lkoll.

Hija kienet mudell tal-qdusija u tal-ħidma favur il-foqra; kienet vuċi għal min kien bla vuċi. Ma beżgħetx tkun xhud tat-twemmin quddiem il-kbarat. Imma dan ma kienx kollox. Uriet li l-qaddisin biss jibqgħu sodi, meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-miżerja, id-diżumanità u l-inġustizzja. Uriet ukoll li l-valuri tas-sempliċità u ċ-ċaħda jbiddlu d-dinja ta' madwarna.

Hija proprju l-forza mistika u morali ta' dawn iż-żewġ persunaġġi li nixtiequ nfakkru u nxandru.

**KTIEB ĠDID TAL-OMELIJI TAL-ĦADD GĦAS-SENA "Ċ" GĦAS-SAĊERDOTI, LAJĊI IMPENJATI FL-GĦAQDIET, U MEMBRI FID-DIVERSI GRUPPI TAT-TALB.**

**Il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci ser jippublika ktieb bi *"Ħsibijiet għal Jum il-Mulej"* għas-Sena Liturġika Ċ li ser tibda fl-Ewwel Ħadd tal-Avvent (30 ta' Novembru). Tinsiex takkwista kopja.**

# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## Iż-Żejt taż-Żebbuġa u Saħħtek

Aħna għandna vantaġġ li qegħdin ngħixu f'nofs il-Baħar tal-Mediterran u għalhekk nagħmlu parti minn dan ir-reġjun tal-Mediterran bil-kultura u d-drawwiet ta' diversi pajjiżi li jiffurmaw dan ir-reġjun. Fil-pajjiżi tal-Mediterran insibu ħafna nħawi li jikkultivaw iż-żebbuġ. Għalhekk minn żmien il-qedem iż-żebbuġ jagħmel parti integrali mid-dieta li ġiet żviluppata matul iż-żminijiet f'dawn il-pajjiżi. Illum wieħed jista' jitkellem dwar id-dieta Mediterranea li kienet żviluppata minn taħlita kulturali ta' prodotti u drawwiet minn pajjiżi differenti tal-Mediterran. Din id-dieta hija meqjusa minn esperti bħala l-iktar waħda sustanzjuża fost dieti internazzjonali u għalhekk kull ma jmur qed iżżid fil-popolarità f'ħafna pajjiżi oħra fid-dinja.

Bażikament id-dieta Mediterranea tippromwovi l-importanza ta' ikel minn sorsi ta' pjanti, bħalma huma l-frott, il-ħaxix, il-legumi (piżelli, fażola, għatz), lewż u ċerejali. Min-naħa l-oħra l-konsum ta' ikel li ġej minn annimali bħal laħmijiet, ġobon u ħalib huwa minimu.

B'dan il-mod permezz ta' dieta ta' din il-kwalità ikun hemm tnaqqis ta' dawk ix-xaħmijiet li jżidu l-kolesterol il-ħażin (LDL) li jsodd l-arterji u li allura jista' jwassal għall-mard tal-qalb u puplisija.

Fattur notevoli fid-dieta Mediterranea huwa li tenfasiżża r-rwol sustanzjuż taż-żejt taż-żebbuġa. Iż-żejt taż-żebbuġa huwa tip ta' xaħam li ġej biss miż-żebbuġ li jżid il-kolesterol it-tajjeb (HDL) fid-demm tagħna u jipproteġi s-sistema taċ-ċirkulazzjoni. Iż-żejt taż-żebbuġa jipprovdi l-ġisem bil-vitamina E, li taġixxi ta' *antioxidant* jiġifieri sustanza naturali li tneħħi l-kimiċi li jagħmlu ħsara lill-ġisem tagħna u tipproteġina kontra l-mard tal-qalb u anke kontra l-kanċer.

Huwa fatt ippruvat minn studji li minnhom sar magħruf li popli li jgħixu fir-reġjun tal-Mediterran u li għandhom stil ta' ħajja Mediterranea għandhom rata inqas ta' mard tal-qalb u tal-kanċer mill-popli li jgħixu fit-tamuntana ta' l-Ewropa. Minkejja dan il-fatt, aħna stess qed nitbegħdu minn dan l-istil ta' ħajja u dieta, u qed inżidu iktar karboidrati ipproċessati u zokkor. Din it-tip ta' dieta qed iżżid ir-riskju ta' varjetà ta' mard fosthom il-ħxuna, id-diabete, mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni u taħsir tas-snien. Dan qed ikun aggravat minn nuqqas ta' eserċizzju u minn tipjip tas-sigaretti.

Is-siġra taż-żebbuġ (*Olea Europea*) hija tipika tal-Mediterran u għalhekk ma nistgħaġbux li fil-ġżejjer tagħna din is-siġra hija popolari ħafna.

Dan l-aħħar saru xi inizjattivi minn xi individwi u anke Kunsilli Lokali biex jitħawwlu iktar siġar taż-żebbuġ u biex iż-żebbuġ jintuża iktar billi terġa tiddaħħal is-sengħa ta' l-għasir taż-żebbuġ biex isir iż-żejt. Il-frotta tibda tinqata' minn Ottubru sa Novembru. Nistgħu ngħidu li hemm żewġ kwalitajiet ta' żebbuġ - żebbuġ li huwa ta' daqs żgħir li jissejjaħ taż-żejt, għax minnhu ġeneralment isir iż-żejt, u żebbuġ ta' daqs akbar jew żebbuġ tal-mejda li jintuża kif inhu għall-ikel fuq il-mejda. Għalhekk ta' min ifaħħar inizjattivi bħal dawn, għax barra li inkunu insebbħu lill-pajjiżna bis-siġar inkunu nikkultivaw frotta bnina u tajba għas-saħħa.

Hemm sittin varjetà ta' din is-siġra *Olea Europea*. Din hija siġra li matul s-sena kollha dejjem tħaddar. Iż-żejt li jiġi prodott minn dawn



*Fil-Bibbja jissemma ħafna ż-żejt taż-żebbuġa bħala "rigal t'Alla" għal diversi raġunijiet (Dewt. 11, 14; Ġer.31,12; Iż.1,6). Anke Ġesù kien iqisu bħala mediċina tajba (ara Lq.10, 34 u Mk.6, 13). Din is-siġra xiħa taż-żebbuġ fil-ġnien famuż tal-Gethsemani tgħodd mijiet kbar ta' snin. Anke f'pajjiżna, jeħtieġ nibżgħu aktar għal dawn is-siġar ta' ġid kbir għal saħħitna.*

is-siġar huwa ta' tliet tipi ewlenin. Hemm l-extra verġni, verġni u ż-żejt taż-żebbuġa pur. Dawn it-tipi jvarjaw fil-kwalità u t-tip ta' żebbuġ użat fil-proċeduri tal-għasir.

Wieħed jista' isib diversi riċetti fejn jista' jdaħħal iż-żejt taż-żebbuġa. Permezz ta' l-użu taż-żejt tqawwi t-togħma ta' l-ikel. Iż-żejt imur mal-ħaxix, l-għaġin, il-qmugħ u r-ross, kif ukoll l-ikel tal-baħar u t-tiġieġ. Iż-żejt taż-żebbuġa jista' jintuża ma' l-insalati u anke jindilek fuq il-ħobż minflok butir jew margerina. Iż-żejt taż-żebbuġa jista' jintuża wkoll għall-qali u x-xiwi ta' ħut u ikel ieħor. Għalkemm iż-żejt taż-żebbuġa fih l-istess ammont ta' kaloriji (madwar 120) daqs tip ta' żejt ieħor, kemm għat-togħma u kemm għal skopijiet ta' tisjir ikollok bżonn inqas żejt taż-żebbuġa minn żjut oħra.

Biex wieħed jieħu ħsieb saħħtu irid joqgħod attent x'jiekol u x'jixrob. Irridu nieklu varjetà ta' ikel b'inqas xaħmijiet u zokkor, iktar frott, ħaxix u ħut. Irridu nastjenu milli inpejpu u nagħmlu xi tip ta' eżerċizzju ħafif kuljum. Dan huwa s-sigriet ta' stil ta' ħajja favur is-saħħa. Id-dieta Mediterranea bl-użu aktar taż-żejt taż-żebbuġa jgħin biex ngħixu ħajja iktar f'saħħitna u mingħajr mard. Nirrakkomanda ħafna din id-dieta speċjalment l-użu taż-żejt taż-żebbuġa. Kif jgħidu, "*Bon appetit*!". Imma kul l-aħjar għalik.

*(L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt)*

Ta' Pawlu



Bar &
Restaurant
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE




jikteb
Joe Bajada

# "Gozo Tournadoes" jibqgħu Champions ta' Malta

Jekk hemm sports li bla dubju qed jagħmel unur kbir lill-gżira Għawdxija, huwa dak tal-*basketball* fejn għat-tielet sena konsekuttiva dan it-tim Għawdxi rebaħ il-kampjonat Malti, biex b'hekk baqgħu jissejħu *champions* nazzjonali. Dan anke huwa rekord nazzjonali fejn l-ebda tim s'issa ma kien għadu rebaħ il-kampjonat tliet darbiet wara xulxin. Huwa bla dubju suċċess impressjonanti li tim Għawdxi jirnexxielu jibqa l-aħjar għal tliet snin wara xulxin fil-gżejjer Maltin. Dan jirrifletti s-serjetà u d-dedikazzjoni li jieħdu f'dan l-isports l-*players* żgħażagħ li jiffurmaw dan it-tim. Mhux ta' b'xejn li seba' players Għawdxin jiffurmaw anke parti mit-tim nazzjonali Malti. Fil-fatt ftit ilu Charles Attard, Mark Buttiġieġ, Shaun Chircop, Steve Galea, Silvio Sultana u Jeff Tabone ffurmaw parti mit-tim li għall-ewwel darba fl-istorja ħadu sehem f'tournament kompettiv fil-Belġju. Dan jikkonferma l-potenzjal li jippossiedu dawn il-players li għad ilhom biss ħames snin li ffurmaw it-tim Għawdxi ħames snin ilu.



*Gozo Tournadoes: Wara mix-xellug għal lemin: Steven Galea, Joe Portelli, Mark Buttiġieġ, Shaun Chircop, Dennis Roberts (Manager), Ryan Yada. Quddiem: Josef Vella, Jeff Tabone, Steve Ellis, Charles Attard, Joseph Gatt.*

Fil-kampjonat li ntemm ġimgħat ilu, *Gozo Tournadoes* immexxija mill-manager Dennis Roberts spiċċaw *champions* wara li fil-finali rebħu lil *Mellieħa Northenders* 2-1. Kienu Mellieħa li rebħu l-ewwel logħba 11-7, iżda l-Għawdxin għamlu l-iskor indaqs meta rebħu t-tieni logħba 16-4. Għalhekk l-aħħar logħba ta' bejniethom kienet deċiża għal min jirbaħ il-kampjonat, u hawn reġgħu kienu l-Għawdxin li ħarġu rebbieħa 8-6 wara *rimonta* qawwija li wettqu, b'mod speċjali Steven Galea li kiseb tliet *runs* deċiżivi u spiċċa l-protagonista ta' dan il-finali u

hekk *Gozo Tournadoes* baqgħu *champions* nazzjonali għat-tielet darba konsekuttiva.

Fl-impenn tagħhom li jkomplu jiddefendu t-titlu, *Gozo Tournadoes* diġa bdew it-taħriġ tagħhom għat-*tournament* tax-xitwa li ser jibda f'Novembru u iktar tard għall-kampjonat li mistenni jibda fi Frar. Għall-istaġun li ġej l-Għawdxin komplew saħħew il-formazzjoni tagħhom billi ser jerġgħu jirritornaw *players* stabbli bħal Silvio Sultana, Chuckie Tabone u Darren Fava. Hemm ukoll żgħażagħ promettenti bħal Rodney Debono u Matthew Xuereb li mistennija wkoll li jiffurmaw parti mit-tim għall-istaġun li ġej. Id-diriġenti ta' dan it-tim qed jistiednu lil dawk kollha dilettanti li jixtiequ jissieħbu mat-tim biex jagħmlu kuntatt mal-*coach* Jeff Tabone (79204037), Steve Ellis (79849060) jew Charles Attard (79603482). Wieħed jista' anke jibgħat *e-mail* fuq *gozotornadoes@hotmail,com.* Biex waslu għal dawn is-suċċessi kollha, *Gozo Tournadoes* minbarra s-sagrifiċċji personali, sabu għajnuna minn *Dominic Department Stores* li sponsorja lit-tim biex ikun jista jkompli għaddej bl-impenji, meta wieħed jiftakar ukoll li parti sostanzjali mill-logħbiet intlagħbu f'Malta. Għajnuna oħra ġiet mill-*Maltese Canadian Association.* Kull minn jixtieq iktar informazzjoni fuq dan it-tim jista jagħmel dan billi jidħol fuq il-**website: www.gozobaseball.cjb.net.**




*Tim Nazzjonali Malti: Wara mix-xellug: Omar Galea, Keith Bartolo, Charles Attard, Steven Galea, Trevor Shaw, Patrick Pace, Mark Buttiġieġ, Shaun Chircop, Dennis Catania (coach), Deo Catania. Quddiem: Nicky Bartolo, David Borg, Andrew Bajo, Victor Calleja, marlon Borġ, Steve Ellis, Jeff Tabone, Silvio Sultana.*


# "LUMEN CHRISTI"

***L-isem magħruf minn kulħadd għal:***

- Bookshop
- Publications
- "Il-Ħajja f'Għawdex"
- Recording Studios
- Programmi fuq l-RTK
- "L-Almanakk Għawdxi"

***Għas-servizz ta' l-Għawdxin!***

Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111.
Tel. 2156 0496/7 Fax: 2156 1860


***Din il-ħarġa ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" qegħda tiġi mħallsa fl-ispejjeż tal-istampar tagħha, mill-offerti totali ta' Lm 466 li ntbagħtu b'suffraġju għall-Erwieħ minn diversi benefatturi tar-rivista tagħna. Minn qalbna niringrazzjawhom waqt li nitolbu għalihom u għall-għeżież mejtin tagħhom.***

**Dun Anton Sultana, Amministratur**



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

## *Sittin sena bl-istess papoċċ*

Pensjonant mir-raħal ta' Novi Pazar fis-Serbja jixtieq li l-papoċċ li ilu jilbes għal dawn l-aħħar sittin sena jitqiegħed f'mużew wara li jmut. Jusuf Sijaric illum għandu 81 sena u xtara dak li huwa jsejjaħ "papoċċ tajjeb" sittin sena ilu minn ħanut fin-nofsinhar tal-Bosnija. Mhux biss libsu għal dawn l-aħħar sittin sena, imma kien f'saqajh ukoll fiż-żmien meta kien qed jaħrab mis-suldati ta' Hitler fit-Tieni Gwerra Dinjija.

"Nixtieq li ma tidfnunix liebes il-papoċċ ta' qalbi. Ħalluh f'mużew biex kulħadd ikun jista jammira ħabib li qeda dmiru tajjeb," kiteb Jusuf fit-testment tiegħu.

## *Pappagall jisfratta serqa*

Kien ilu ma jlissen ħoss sena sħiħa u beda jħasseb ħażin lis-sidien tiegħu. Imma wara sena rnexxielu jisfratta serqa. Kollox seħħ f'appartament fi Kiev, l-Ukraina. Tliet ħallelin daħlu jisirqu appartament, meta semgħu lil xi ħadd jgħidilhom: "*Stop! I'll Shoot*!" u niżlu kokka ma' l-art b'idejhom fuq rashom. Damu hekk għal madwar żewġ minuti sakemm sabhom sid l-appartament!

## *Il-Mużika Klassika tħajrek tonfoq*

Hekk sabu grupp ta' studjużi fl-Università ta' Leicester li għamlu studju dwar ir-relazzjoni bejn il-mużika u l-ikel fir-ristoranti. Dawn l-istudjużi sabu li l-mużika klassika tħajrek tonfoq aktar meta tkun fir-ristorant, fil-waqt li l-kanzunetti ta' Britney Spears iġagħluk tagħżel platti li ma jiswewx daqstant flus.

Meta ndaqqet mużika ta' Mozart jew Bach kull bniedem fir-ristoranti nefaq madwar 24 lira Sterlina aktar minn dawk li kienu qed jisimgħu l-kanzunetti ta' Britney Spears. Min-naħa l-oħra nstab li ristoranti li jagħżlu li ma jdoqqux ftit mużika fl-isfond qegħdin jitilfu l-flus!

## *Għalaq ħalq l-istudenti bit-tape*

Għalliem fiċ-Ċilì ġie akkużat li biex ma jħallix lill-istudenti tiegħu jparlaw fil-klassi, għalqilhom ħalqhom bit-*tape*. Meta semgħu b'dan il-ġenituri tat-tfal tant irrabjaw li ħarrku lill-għalliem, Salvador Veraga minn Barros Arana, f'Araucania.

Madankollu l-għalliem qal li hu għamel dan b'ċajta u ma kellu l-ebda ħsieb li jweġġa lit-tfal. Kull ma xtaq kien li t-tfal jikkomunikaw aktar bil-mossi u jaqtgħu t-tpaċpiċ żejjed fil-klassi tiegħu!



**IL-KARRIJIET TAL-MEJTIN... 50 SENA ILU. F'Novembru niftakru fil-mejtin tagħna. Imma forsi ftit għadhom jiftakru f'dawk il-karrijiet sbieħ biż-żwiemel li kellna f'pajjiżna sa 40 sena ilu. Bħal ma reġgħu daħlu moda l-karozzini fit-tiġijiet, tgħid dawn tal-mejtin għad nerġgħu narawhom?**


M. & L. REFALO Ltd.
60, Racecourse Street, Xaghra, Gozo.
Tel: 21552855 • Fax: 21563740 • Mobile: 9947 5855
Website: www.mlrefalo.com
E-mail: mlrefalo@melita.net • service@mlrefalo.com
WITH REMOTE CONTROL
SECTIONAL DOORS FOR GARAGES + Remote Control
FREE QUOTES
WE ALSO PRODUCE ALL TYPES OF ALUMINIUM & DOUBLE GLAZING



Leġġendi Maltin
Il-Qlubija ta' TONI BAJJADA
Il-Ġnien ta' HAL MULA
L-Assedju tal-Imdina
Il-Kuluri ta' Malta
Għajn Klieb
It-Tfajla tal-Ġgantija
6 Leġġendi ġodda
F'kull Leġġenda:
• L-Istorja tal-ktieb
• Tagħrif dwar il-folklor
• Ħjiel mill-Istorja ta' Malta
• Tifsir ta' kliem u idjomi
• Taħriġ
Ġemmagħhom kollha!
Imla' il-formola u ibgħata flimkien mal-ħlas lill-Klabb Kotba Maltin, Triq il-Karmelitani, Sta Venera HMR 11, Tel: 2149 7046 Fax: 2149 6904 E-Mail: kkm@vol.net.mt
OFFERTA SPEĊJALI GĦALL-QARREJJA TA' DIN IR-RIVISTA
Ixtri t-tielet sett ta' sitt leġġendi bi prezz speċjali ta' Lm3.75 minflok Lm4.50 jew sett ta' tmintax-il leġġenda bi prezz speċjali ta' Lm11.25 minflok Lm13.50. Tirċivihom id-dar bla ħlas.
Nixtieq tibgħatli ☐ ___ sett ġdid ta' 6 leġġendi (Lm3.75) ☐ ___ sett ta' 12-il leġġenda (Lm7.50)*
☐ ___ sett ta' 18-il leġġenda (Lm11.25)
* Agħmel salib fuq il-qoxra tal-Leġġendi li trid
Isem
Indirizz
Tel
PUBBLIKAZZJONI klabb kotba maltin